ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 75

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

31 ta' Marzu 2009

Avviż Nru | Werrej | Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2009/C 75/01 Pjan ta' Azzjoni pluriennali 2009-2013 dwar l-e-Justice Ewropea ..... 1

**Il-Kummissjoni**

2009/C 75/02 Rata tal-kambju ta' l-euro ..... 13

2009/C 75/03 Kummissjoni Amministrattiva tal-Kommunitajiet Ewropew għas-Sigurta Soċjali għall-Ħaddiema Migranti — Rati ta' kambju ta' muniti konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 ..... 14

2009/C 75/04 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2008 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar il-Każ COMP/M.5046 — Friesland Foods/Campina — Rapporteur: L-Iżvezja ..... 16

2009/C 75/05 Rapport Finali fil-Każ COMP/M.5046 — Friesland/Campina ..... 19

2009/C 75/06 Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 Diċembru 2008 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.5046 — Friesland Foods/Campina) *(notifikata bid-dokument numru C(2008) 8459)* (1) ..... 21

MT

2

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI


2009/C 75/07 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ..... 28

2009/C 75/08 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Stedina għat-tressiq tal-offerti rigward l-operat tas-servizzi tal-ajru skedati f'konformità ma' obbligi ta' servizz pubbliku ([1]) ..... 31

2009/C 75/09 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Stedina għat-tressiq tal-offerti rigward l-operat tas-servizzi tal-ajru skedati f'konformità ma' obbligi ta' servizz pubbliku ([1]) ..... 32


V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni**


2009/C 75/10 Sejħa għall-proposti skont il-programm annwali ta' ħidma għal għajnuniet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TENT-T) għall-2009 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 2179) ..... 33

2009/C 75/11 Sejħa għall-proposti skont il-programm multiannwali tal-2009 għall-għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TENT-T) għall-perjodu 2007-2013 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 2178 ..... 34

2009/C 75/12 Sejħa għall-proposti skont il-programm ta' ħidma għal għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TENT-T) kif previst fil-Programm Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 2183) ..... 35


PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni**


2009/C 75/13 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5500 — General Motors/Delphi Steering Business) ([1]) ..... 36


MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni**

2009/C 75/14 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u tal-ikel ..... 37

2009/C 75/15 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ..... 41

---

**Rettifikazzjonijiet**

2009/C 75/16 Rettifika għas-Sejħa biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għajnuna mill-Istat rigward it-tassazzjoni ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* (kumpaniji tal-assigurazzjoni li jkopru r-riskju tal-kumpanija jew grupp ta' kumpaniji li jikkontrollahom) fil-Liechtenstein *(Dan it-test iħassar u ġie minflok dak ippubblikat fil-GU C 72, 26.3.2009, p. 50)* ..... 45

MT

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## Pjan ta' Azzjoni pluriennali 2009-2013 dwar l-e-Justice Ewropea

(2009/C 75/01)

### I. DAĦLA

1. F'Ġunju 2007, il-Kunsill ĠAI ddeċieda li għandha ssir ħidma bil-ħsieb tal-iżvilupp, f'livell Ewropew, u l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (TIK) fil-qasam tal-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' Portal Ewropew.

2. Tabilħaqq l-użu ta' din it-teknoloġija ġdida jikkontribwixxi għar-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji. L-użu ta' sistema elettronika f'dan il-qasam jippermetti li jitnaqqsu d-dewmien ta' proċedura u l-ispejjeż tal-funzjonament, għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-intrapriżi, il-prattikanti tal-liġi u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Minħabba dan, l-aċċess għall-ġustizzja huwa ffaċilitat.

3. Skont l-istudji mwettqin mill-Kummissjoni ([1]), bħalissa hemm madwar 10 miljun persuna kkonċernata minn proċedura ċivili transkonfinali. Dan in-numru ser jiżdied minħabba ż-żjieda fil-moviment ta' persuni ġewwa ż-żona tal-Unjoni Ewropea.

4. F'dawn l-aħħar 18-il xahar, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ipproċessar ta' Informazzjoni Ġuridika (e-Justice) impenja ruħu f'ħidma importanti biex jissodisfa l-mandati suċċessivi li ġew fdati lilu mill-Kunsill. F'dan il-qafas, ċerti Stati Membri żviluppaw proġetti pilota, u b'mod partikolari proġett bl-għan li jitħejja portal Ewropew tal-e-Justice.

5. Fit-2 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni ppublikat Komunikazzjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali msejħa "Lejn strateġija Ewropea dwar il-Ġustizzja Elettronika" ([2]).

6. Il-Parlament Ewropew, min-naħa tiegħu, nieda riflessjoni dwar l-e-Justice. Rapport ta' inizzjattiva tal-Parlament Ewropew mistenni li jiġi adottat qabel l-aħħar tal-2008.

7. Waqt is-sessjoni tiegħu tal-5 u s-6 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill stieden lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ipproċessar ta' Informazzjoni Ġuridika (e-Justice), b'kont meħud tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ([3]), biex jeżamina l-aspetti relatati mal-istabbiliment ta' struttura ta' koordinazzjoni u ġestjoni, li kapaċi tiżviluppa proġetti multipli fuq skala kbira u fi żmien raġonevoli fil-qasam tal-ġustizzja elettronika u biex jinbdew diskussjonijiet dwar it-tfassil ta' programm ta' ħidma pluriennali.

8. Il-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2008 laqa' l-inizjattiva bil-mira li "jiġi stabbilit progressivament portal uniku tal-e-Justice tal-Unjoni Ewropea minn issa sa tmiem l-2009".

### II. KUNTEST TAL-IŻVILUPP TAL-ĠUSTIZZJA ELETTRONIKA FIL-LIVELL EWROPEW

9. L-iżvilupp tal-ġustizzja elettronika għandu jitpoġġa f'kuntest tripplu:

#### 1. Ħidma e-Justice diġà mwettqa

10. Qabel dik magħmula mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice, diġà kienet inbdiet xi ħidma fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari biex jiġi garantit l-aċċess għal informazzjoni Ewropea (is-siti tal-Istituzzjonijiet Ewropej). Ħidma aktar speċifika saret jew qiegħda ssir kemm fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' strumenti adottati mill-Kunsill dwar materja ċivili (in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali) jew kriminali (per eżempju n-Netwerk

([1]) 10285/08 ADD 1 JURINFO 45 JAI 305 JUSTCIV 119 COPEN 118 CRIMORG 87.

([2]) 10285/08 JURINFO 45 JAI 305 JUSTCIV 119 COPEN 118 CRIMORG 87.

([3]) Għandu jittieħed kont tal-fatt li l-Parlament Ewropew ta bidu għad-diskussjonijiet dwar l-e-Justice.

Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam kriminali jew l-interkonnessjoni tar-rekords kriminali Ewropej), kif ukoll abbażi ta' inizjattivi ta' professjonijiet ġudizzjarji (per eżempju n-netwerk Ewropew tar-reġistri ta' testmenti), jew inkella f'qafas ieħor, bħal per eżempju dawk tat-tqegħid f'netwerk tal-fajls u r-reġistri kummerċjali interkonnessi permezz tal-EBR u r-reġistri tal-art interkonnessi permezz tal-EULIS.

11. L-inklużjoni ta' dawn l-inizjattivi fil-qafas tal-programm pluriennali e-Justice għandha għalhekk issir f'koordinazzjoni ma' dawk responsabbli mill-implimentazzjoni tagħhom.

## 2. **Kuntest tal-Gvern elettroniku**

12. Is-sistema tal-e-Justice Ewropea trid titfassal f'konformità mal-prinċipju tal-indipendenza tal-ġustizzja.

13. Madankollu, mil-lat tekniku, l-e-Justice trid tieħu kont il-qafas aktar ġenerali tal-Gvern elettroniku ([1]). Diġà teżisti kompetenza soda fil-proġetti ta' infrastruttura sigura u ta' awtentikazzjoni tad-dokumenti u din għandha tiġi mmobilizzata. F'kooperazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni, għandu jiġi promoss Qafas Ewropew tal-Interoperabilità (EIF) żviluppat fi ħdan il-programm IDABC ([2]). Il-ħidma Ewropea dwar l-e-Signature u l-e-Identity ([3]) hija partikolarment rilevanti fil-qasam ġudizzjarju, fejn l-awtentikazzjoni tal-atti hija element essenzjali.

14. Huwa f'dan il-kuntest ġenerali li għandu jiġi definit programm pluriennali. Dan għandu jimmira mhux biss li jkun ta' rispons għall-perijodu qasir iżda li jkun ukoll mezz għall-perijodu fit-tul li jippermetti b'hekk il-promozzjoni, permezz tal-użu tat-TIK, tal-iżvilupp ta' Spazju Ewropew ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

## 3. **Approċċ orizzontali**

15. Il-kwistjonijiet relatati mal-ġustizzja elettronika mhumiex limitati għal ċerti oqsma ġuridiċi. Huma jinsabu f'numru ta' oqsma tal-liġi ċivili, kriminali u amministrattiv. Il-ġustizzja elettronika hija għalhekk kwistjoni orizzjontali fil-qafas ta' proċeduri Ewropej li għandhom natura transkonfini.

# III. **PJAN TA' AZZJONI**

## 1. **Kamp ta' applikazzjoni**

16. Għandha tiġi affermata d-dimensjoni Ewropea tal-proġett e-Justice. Għalhekk, l-e-Justice għandha tingħata l-isem ġdid ta' e-Justice Ewropea.

17. Naturalment, l-Istati Membri jibqgħu liberi, f'konformità mal-kompetenzi previsti mit-Trattati, li jistabbilixxu bejniethom proġetti li jistgħu jkunu bbażati fuq l-e-Justice iżda mhux neċessarjament fuq l-e-Justice Ewropea. Madankollu, dawn il-proġetti jistgħu ukoll jikkwalifikaw għal status Ewropew, u b'mod partikolari finanzjament Komunitarju, taħt ċerti kondizzjonijiet

18. B'kont meħud tad-dimensjoni orizzontali tal-e-Justice Ewropea, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice għandu l-għan li jkollu rwol ta' koordinazzjoni billi jeżamina l-kwistjonijiet tekniċi li joħorġu matul il-ħidma li ssir fil-korpi l-oħra tal-Kunsill. Min-naħa l-oħra, il-ħidma leġislattiva għandha ssir mill-gruppi ta' ħidma kompetenti tal-Kunsill bħal, pereżempju, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali, jew il-Kumitat dwar Materji ta' Dritt Ċivili.

19. Sistema ta' ġustizzja elettronika għandha tagħti aċċess liċ-ċittadini, lill-operaturi ekonomiċi, lil prattikanti tal-liġi u lill-awtoritajiet ġudizzjarji, li ser jibbenefikaw mit-teknoloġiji moderni disponibbli. Għandhom jiġu stabbiliti tliet kriterji:

(a) *Dimensjoni Ewropea*

20. L-e-Justice Ewropea għandha l-objettiv li tippromwovi l-ħolqien ta' spazju Ewropew tal-ġustizzja bl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. F'dan il-kuntest, il-proġetti żviluppati fil-qafas tal-e-Justice Ewropea għandhom jimplikaw potenzjalment lill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea.

(b) *Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' Spazju Ġudizzjarju Ewropew*

21. Il-proġetti jridu jippromwovu l-istabbiliment ta' struementi legali diġà adottati mill-Komunità Ewropea u mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ġustizzja mingħajr ma jiġu esklużi l-proġetti l-oħra li jipprovdu valur miżjud għall-ħolqien ta' spazju Ewropew tal-ġustizzja.

22. Barra minn hekk, l-e-Justice Ewropea għandha tikkostitwixxi għodda għall-prattikanti tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji billi toffri pjattaforma u funzjonalitajiet individwali għall-iskambju ta' informazzjoni effettivi u siguri.

(c) *Kostruzzjoni bilanċjata, għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej*

23. Huwa fundamentali li l-iżvilupp tal-e-Justice Ewropea jkun għas-servizz dirett taċ-ċittadini Ewropej, li jibbenefikaw minn dan il-valur miżjud, b'mod partikolari permezz tal-portal. Għalhekk fl-għażla tal-proġetti jew fl-ordni tat-twettiq tagħhom, għandu jiġi żgurat li, b'mod rapidu, iċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod konkret mill-għodod tal-e-Justice Ewropea. F'dan is-sens, jeħtieġ li jitnedew bosta proġetti fl-iqsar żmien possibbli, f'konformità mal-Anness, mingħajr preġudizzju għal proġetti oħra li jistgħu jiġu miżjuda skont l-arranġamenti definiti f'dan il-Pjan ta' Azzjoni.

24. Il-proġetti kollha li jippermettu liċ-ċittadini Ewropej isiru jafu aħjar id-drittijiet tagħhom, ikunu qed jilħqu dan l-objettiv. Dan huwa wkoll fil-każ ta' proġetti li jippermettulhom li jimplimentawhom (assistenza ġudizzjarja, medjazzjoni, traduzzjoni, eċċ…).

---

([1]) Il-Gvern elettroniku hu ddefinit bħala l-applikazzjoni tat-TIK għall-proċeduri amministrattivi kollha.

([2]) http://ec.europa.eu/idabc/ Studju preliminari dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-firem elettroniċi għall-applikazzjonijiet tal-Gvern Elettroniku (2007) u l-Interoperabilità tal-ID elettronika għall-PEGS (2007).

([3]) Aspetti tal-istandardizzazzjoni tal-firma elettronika (2007) http://ec.europa.eu/information_society/eeurope/i2010/docs/esignatures/e_signatures_standardisation.pdf

## 2. **Funzjonijiet tal-e-Justice Ewropea**

25. Il-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni jippermettu li l-funzjonijiet tas-sistema futura tal-e-Justice Ewropea jiġu definiti b'mod ċar. It-tliet funzjonijiet essenzjali li ġejjin għandhom jiġu stabbiliti:

(a) *L-aċċess għall-informazzjoni rilevanti fil-qasam tal-ġustizzja.*

26. Din l-informazzjoni tikkonċerna b'mod partikolari l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza Ewropea ([1]) kif ukoll dik relattiva għall-Istati Membri.

27. L-e-Justice Ewropea għandha toffri wkoll aċċess, permezz ta' interkonnessjonijiet, għall-informazzjoni prodotta mill-Istati Membri fil-qafas tas-servizz pubbliku tal-ġustizzja (per eżempju, u soġġetta għar-regoli ta' funzjonament ta' dan il-proġett, l-interkonnessjoni tal-bażijiet tad-data tar-rekords kriminali tal-Istati Membri).

(b) *Id- dematerjalizzazzjoni tal-proċedimenti*

28. Id-dimaterjalizzazzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji transkonfini (per eżempju l-e-medjazzjoni) tkopri b'mod partikolari l-kommunikazzjoni elettronika bejn il-qorti u l-partijiet interessati, b'mod partiklari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrumenti Ewropej adottati mill-Kunsill ([2]).

(c) *Il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji*

29. Is-simplifikazzjoni u l-inkoraġġiment ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri, b'mod aktar partikolari fil-qafas ta' strumenti adottati fl-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew, huma ta' importanza partikolari (per eżempju, permezz ta' vidjokonferenzi jew netwerk elettroniku sigur).

## 3. **Il-portal tal-e-Justice Ewropea**

30. Il-portal tal-e-Justice Ewropea uniku, li l-Kunsill Ewropew appella li jkun stabbilit sa tmiem l-2009, kien is-suġġett ta' ħidma importanti fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice. Twettaq ukoll proġett pilota minn grupp ta' Stati Membri f'dan il-qafas. Huwa importanti li t-twettiq ta' dan il-portal ikun parti mit-tkomplija tal-ħidma li saret s'issa fil-qafas ta' dan il-proġett pilota.

31. Il-portal ser jagħti aċċess għas-sistema kollha tal-e-Justice Ewropea, jiġifieri, għal siti ta' informazzjoni Ewropej u nazzjonali u/jew għal servizzi. Madankollu, dan il-portal ser ikun biss ġabra ta' links.

32. Huwa għandu jippermetti permezz ta' proċedura ta' awtentikazzjoni unika, li jingħata aċċess lill-prattikanti tal-ġustizzja għall-funzjonijiet differenti riżervati għalihom, fejn drittijiet ta' aċċess jkunu adattati għalihom. Jista' jkun opportun li tiġi pprovduta wkoll possibbiltà ta' awtentikazzjoni bħal din għan-non-professjonisti.

33. Barra minn hekk, ser jagħti aċċess għal funzjonijiet nazzjonali b'interfaċċa multilingwi faċli għall-utent biex dawn ikunu jistgħu jinftehmu miċ-ċittadini Ewropej.

34. Il-kontenut tas-siti aċċessibbli mill-portal, bħal pereżempju l-ġestjoni tiegħu, naturalment jiddependu mill-għażliet mill-Kunsill kemm dwar il-funzjonijiet tal-e-Justice Ewropea kif ukoll dwar il-modalitajiet tal-ġestjoni tagħha.

## 4. **Aspetti tekniċi**

35. L-istabbiliment ta' sistema tal-e-Justice Ewropea timplika li jiġu rregolati numru ta' kwistjonijiet tekniċi orizzontali, li ġew identifikati, b'mod partikolari fir-rapport approvat mill-Kunsill fil-5 ta' Ġunju 2007 ([3]).

(a) *Sistema teknika deċentralizzata*

36. Waqt il-laqgħa informali tagħhom fi Dresden f'Jannar 2007, maġġoranza kbira tal-Ministri tal-Ġustizzja esprimew ix-xewqa li joħolqu sistema deċentralizzata fil-livell Ewropew li tgħaqqad is-sistemi eżistenti tal-Istati Membri bejniethom.

(b) *Standardizzazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni*

37. Għandha tiġi żgurata l-akbar kompatibilità possibbli bejn il-miżuri tekniċi u organizzattivi differenti li nżammu għall-applikazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji, filwaqt li tkun garantita flessibbiltà massima għall-Istati Membri. Madankollu jeħtieġ li jintlaħaq ftehim dwar il-formati u l-protokolli ta' komunikazzjoni standardizzati b'kont meħud tal-istandards Ewropej jew internazzjonali eżistenti fil-qasam, biex ikun possibbli skambju interoperabbli, effikaċi, sigur u rapidu bl-inqas spiża.

(c) *Mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni*

38. Waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali għall-użu effikaċi tal-ġustizzja elettronika lil hinn mill-fruntieri nazzjonali hija l-istabbiliment ta' standards jew interfaċċi uniformi għall-użu tat-teknoloġiji ta' awtentikazzjoni u għall-komponenti tal-firem elettroniċi. Din l-esiġenza hija għall-inqas essenzjali għall-funzjonalitajiet tal-e-Justice Ewropea li jmorru lil hinn milli sempliċiment ipoġġu informazzjoni ġuridika għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Għalhekk għandhom jibqgħu jiġu eżaminati d-diversi ħtiġiet legali fis-seħħ fl-Istati Membri, kif ukoll it-teknoloġiji li dawn jużaw. Abbażi tar-riżultati u l-esperjenza miksuba, ikun jista' jiġi ddeterminat l-istabbiliment ta' skambju elettroniku ta' dokumenti, bejn l-Istati Membri, li mil-lat ġuridiku jkun kemm jista' jkun sigur.

([1]) Konnessjoni bejn il-EUR-Lex u l-N-Lex ser tiġi stabbilita.
([2]) Regolament (KE) Nru 1896/2006; Regolament (KE) Nru 861/2007.
([3]) Dokument 10393/07 JURINFO 21 tal-5 ta' Ġunju 2007

(d) *Sigurtà tas-sistema u protezzjoni tad-data*

39. Fil-qafas tal-ħolqien ta' servizzi tal-e-Justice Ewropea li jippermettu l-komunikazzjoni ta' informazzjoni bejn awtoritajiet ġudizzjarji jew bejn awtoritajiet ġudizzjarji u ċittadini jew professjonisti, din id-data għandha tiġi skambjata f'qafas sigur. F'dan ir-rigward jista' jittieħed ukoll kont tal-ħidma preparatorja mwettqa fil-qafas tal-IDABC (Forniment Interoperabbli ta' Servizzi Panewropej tal-Gvern elettroniku lill-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, lin-Negozji u liċ-Ċittadini).

40. Barra minn hekk, billi l-biċċa l-kbira ta' data bħal din hija personali fis-sens tal-leġislazzjoni Ewropea, għandu jiġi żgurat imperattivament ir-rispett għall-prinċipji stabbiliti minn din il-leġislazzjoni.

## 5. **L-aspetti lingwistiċi**

41. L-eżistenza ta' tlieta u għoxrin lingwa differenti fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u n-neċessità li ċ-ċittadini fl-Ewropa jingħataw aċċess għas-sistema tal-e-Justice Ewropea b'mod faċli għall-użu timplika l-ħtieġa li jiġu previsti azzjonijiet immirati fir-rigward tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni f'materji ġuridiċi.

42. F'dan ir-rigward, ikun irrealistiku li wieħed jaħseb li l-fatt li jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' ċittadin għas-sit tal-e-Justice ta' Stat Membru ieħor minbarra tiegħu, jista' jikkostitwixxi soluzzjoni suffiċjenti: fil-fatt bl-ostakolu lingwistiku tali aċċess ikun fil-biċċa l-kbira inutli.

43. Din l-isfida lingwistika tista' tiġi ffaċċata partikolarment permezz ta' sistemi ta' traduzzjoni awtomatizzati, b'mod partikolari għall-kontenut tal-formoli użati fl-istrumenti Ewropej, u permezz tat-tqegħid f'netwerk tar-riżorsi nazzjonali ta' traduzzjoni.

44. Barra minn hekk, jeħtieġ li jinħoloq metodu ta' ħidma li jippermetti traduzzjoni bir-reqqa, fit-tlieta u għoxrin lingwa tal-Istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea, tal-kunċetti legali eżistenti fis-sistemi legali tal-Istati Membri, billi jittieħed kont sħiħ tal-kwistjonijiet semantiċi.

## 6. **Ħtieġa ta' infrastruttura ta' ħidma**

45. Dawn l-aspetti kollha jeħtieġu li tiġi stabbilita proċedura li tippermetti għażla ta' tekniki standard li jistgħu jintużaw biex tkun possibbli l-interoperabilità tas-sistemi tal-Istati Membri u li jiġi definit it-tqassim, kif inhi l-użanza għall-proġetti marbutin mat-TIK, bejn:

(a) Il-funzjoni amministrattiva, jiġifieri t-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-istruttura u l-funzjonament tas-sistema tal-e-Justice Ewropea u l-proġetti li għandhom jiġu implimentati. Din il-funzjoni kultant tista' teħtieġ ħidma ta' natura ġuridika, kif jidher mill-ħidma mwettqa fir-rigward tal-interkonnessjoni tar-rekords kriminali.

(b) Il-funzjoni amministrattiva, jiġifieri t-twettiq tas-servizzi differenti tal-e-Justice Ewropea bħal pereżempju t-tfassil tal-interfaċċi għall-utenti multilingwi, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Istati Membri, u l-evoluzzjoni tas-sistemi. Barra minn hekk, il-funzjoni amministrattiva għandha tkopri l-manutenzjoni sħiħa tas-sistema.

46. Struttura bħal din għandha bla dubju tkun komposta minn banda minn esperti tat-TIK u mill-banda l-oħra jkollha kapaċitajiet ta' traduzzjoni. Diversi possibbiltajiet, possibbilment komplimentarji, huma previdibbli:

(a) Stat Membru wieħed jew aktar jipproponi li jiżgura(w) il-ġestjoni ta' struttura bħal din f'kollaborazzjoni sħiħa mal-Istati Membri l-oħra fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice;

(b) din il-funzjoni hija assigurata mill-Kummissjoni Ewropea, skont modalitajiet li għandhom jiġu definiti;

(c) il-ħolqien ta' aġenzija Ewropea. Jeżistu diversi modalitajiet, skont id-dimensjoni u l-grad ta' awtonomija tagħhom. Madankollu din hija għażla kumplessa u tieħu żżmien biex tiġi implimentata u li tista' tiġi prevista biss fil-perijodu medju, skont il-każ, fid-dawl tal-progress tal-ħidma.

## 7. **Finanzjament**

47. L-iżvilupp tal-e-Justice Ewropea jimplika l-mobilizzazzjoni ta' mezzi finanzjarji sinifikanti, immirati prinċipalment:

(a) biex jinkoraġġixxu, fil-livell nazzjonali, l-instawrazzjoni ta' sistemi tal-e-Justice, li għandu jippromwovi l-istabbiliment tal-e-Justice Ewropew, u

(b) biex jippermettu t-twettiq ta' proġetti fil-livell Ewropew, inkluż il-ħolqien u l-iżvilupp tal-portal tal-e-Justice Ewropew.

48. Il-programmi finanzjarji tal-ġustizzja ċivili u kriminali jistgħu jiġu mmobilizzati fil-livell ta' 45 miljun euro għall-2008 u l-2009. Dan l-ammont għandu jiżdied b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin. Għandhom jiġu definiti wkoll sew l-ammonti l-oħra disponibbli fil-baġit tal-Komunitajiet Ewropej li jistgħu jiġu allokati immedjatament lill-e-Justice Ewropea.

49. Barra minn hekk, kif tipproponi l-Kummissjoni, għandu jiġi previst kemm jista' jkun malajr programm uniku orizzontali li jkopri kemm il-materji ċivili kif ukoll dawk kriminali. Ir-riżorsi baġitarji għandhom jinżdiedu b'mod konsiderevoli biex jiġu ffaċjati l-esiġenzi fil-livell nazzjonali u f'dak Komunitarju mill-ħolqien tal-e-Justice Ewropea. Jeħtieġ ukoll li l-kriterji ta' selezzjoni attwalment fis-seħħ fil-programmi tal-ġustizzja ċivili u kriminali jiġu ssemplifikati u armonizzati, biex jittieħed kont tal-kriterji tal-e-Justice Ewropea kif inhuma definiti f'(III) ta' dan id-dokument.

50. Il-proġetti relatati mal-e-Justice Ewropea fis-sens ta' dan il-pjan ta' azzjoni li ma jkunux koperti mill-paragrafu 49 għandhom jibbenefikaw minn finanzjament potenzjali minn programmi Komunitarji oħra li jkun disponibbli dment li l-proġetti jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti minn tali programmi.

## IV. PROPOSTI TAL-PRESIDENZA

51. It-tfassil ta' pjan ta' azzjoni pluriennali jimplika l-ewwelnett:

(a) li għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-e-Justice Ewropea jiġu determinati, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, il-kompiti li għandhom jitwettqu, jiġu definiti l-prijoritajiet tagħhom u, safejn ikun possibbli, id-dati ta' skadenza li għandhom jiġu rispettati. Madankollu meħtieġa ċerta flessibbiltà biex jiġi garantit adattament tajjeb għall-iżviluppi li jseħħu f'dan is-settur;

(b) li l-kompiti jitqassmu bejn il-Kunsill, l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u struttura ta' implimentazzjoni/koordinazzjoni ta' ċerti kompiti tekniċi li għandhom jiġu determinati. Dan it-tqassim għandu jikkonċerna wkoll il-modalitajiet ta' selezzjoni ta' proġetti futuri;

(c) li jiġi determinat metodu biex jiġi żgurat segwitu rigoruż u evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

52. Dan jimplika li l-Kunsill jieħu, b'rispett għall-awtonomija ta' kull istituzzjoni u f'konformità mal-Artikoli 5 u 7 tat-Trattat KE, numru ta' deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet ittrattati f'dan id-dokument, b'mod partikolari:

(a) Dwar l-istruttura tal-ħidma li għandha tiġi stabbilita fil-livell tal-Unjoni Ewropea biex jitwettqu l-proġetti tal-e-Justice Ewropea u jiġu kkontrollati l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tagħhom;

(b) Dwar it-tqassim tal-kompiti bejn l-atturi differenti: il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri.

53. F'dan ir-rigward, il-Presidenza tinnota li l-ftit esperjenzi tas-sistemi tal-e-Justice eżistenti (it-tnedija tas-sit tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali, l-interkonnessjoni tar-rekords kriminali) juru li l-inizjattiva ta' Stat Membru wieħed jew aktar spiss kienet determinanti għat-tnedija tal-proġetti.

54. Madankollu, lil hinn minn ċertu stadju ta' żvilupp, il-parteċipazzjoni ta' numru akbar ta' Stati Membri żżid il-kumplessità tal-ħidma. Għalhekk jeħtieġ li tingħata dimensjoni Ewropea lill-iżvilupp, il-ġestjoni u l-evoluzzjoni tal-proġett.

55. Barra minn hekk, l-aspetti tekniċi differenti eżaminati hawn fuq juru b'evidenza li ċerti kompiti ta' natura orizzontali jibbenefikaw jekk ikunu ġestiti fil-livell Ewropew. Wieħed jistenna wkoll ekonomija ta' skala importanti, meta n-numru tas-servizzi disponibbli tal-e-Justice jiżdied.

### 1. Għal e-Justice Ewropea

56. Il-Presidenza tipproponi li l-programm e-Justice jissejjaħ e-Justice Ewropea.

### 2. Lejn il-ħolqien ta' struttura ta' ħidma

57. B'kont meħud tal-iżviluppi f'dan il-pjan ta' azzjoni, u sabiex ikun possibbli t-twettiq ta' programm pluriennali għat-twettiq tal-e-Justice Ewropea, il-Presidenza tipproponi li tiġi stabbilita l-istruttura ta' ħidma globali li ġejja:

(a) *Funzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-proġett*

58. Skont il-linji gwida definiti f'dan il-pjan ta' azzjoni, il-Kunsill huwa inkarigat biex isegwi l-implimentazzjoni tal-programm pluriennali. Huwa għandu jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji kollha għall-kisba tal-objettivi stabbiliti minn dan il-pjan ta' azzjoni. B'mod partikolari, għandu l-kompitu, skont il-kriterji definiti fil-punt III u f'rabta mill-qrib mal-Kummissjoni, biex jistabbilixxi l-lista ta' proġetti ġodda, proposti minnu, mill-Istati Membri (punt c) u mill-Kummissjoni.

59. Il-Kummissjoni għandha twettaq kull analiżi li hija tikkunsidra xierqa, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba mill-Kunsill.

60. Il-Kunsill jista' jiddetermina l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali tal-proġetti.

61. Minħabba li hu finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċeduri applikabbli, għandha żżomm kont sħiħ tal-orjentazzjonijiet u d-deċiżjonijiet meħudin mill-Kunsill.

(b) *Funzjoni amministrattiva tal-proġett.*

62. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kunsill struttura għall-funzjoni amministrattiva inkarigata biex:

(i) timplimenta l-kondizzjonijiet tekniċi relatati mas-sistema tal-e-Justice Ewropea, skont il-proċdura stabbilita fil-paragrafu 58;

(ii) uq talba tal-Kunsill, f'rabta mill-qrib mal-Istati Membri, u abbażi tal-finanzjament Komunitarju disponibbli, timplimenta l-proġetti tal-e-Justice Ewropea definiti mill-programm ta' azzjoni pluriennali, jew proġetti komplimentarji.

(iii) tlesti, qabel l-aħħar tal-2009, l-ewwel verżjoni tal-portal tal-e-Justice Ewropea, filwaqt li ssegwi l-prinċipji definiti mill-proġett pilota fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice u fil-qafas tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill jieħu fil quddiem. Abbażi ta' din l-ewwel verżjoni, il-portal għandu progressivament jimplimenta funzjonijiet supplimentari li jiġu żviluppati fil-proġetti pilota speċifiċi.

Sabiex il-ħiliet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni jiġu użati b'mod komplimentari, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' esperti tekniċi, inklużi dawk maħtura mill-Istati Membri, li, permezz ta' laqgħat regolari, jkunu jistgħu jissorveljaw il-proġetti li jkunu qed jitwettqu u jiddeterminaw l-għażliet tekniċi li għandhom jitwettqu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar il-progress tal-ħidma kif ukoll dwar il-kwistjonijiet diskussi fil-grupp ta' esperti, biex b'hekk tkun żgurata sorveljanza xierqa min-naħa tal-Istati Membri u jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-ħidma permezz tal-ħiliet metodoloġiċi u teknoloġiċi tagħhom.

(c) *L-Istati Membri*

63. L-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-regoli mniżżlin fil-punt a), u possibbilment mill-finanzi Komunitarji disponibbli, jistgħu jipproponu u jniedu proġetti ġodda tal-e-Justice Ewropea, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mill-Kunsill, f'konċertazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mal-istandards tekniċi u tat-twettiq ta' interfaċċi multilingwi.

3. **Klawsola ta' reviżjoni**

64. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice għandu jivvaluta l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-istruttura matul l-ewwel nofs tal-2010 u, jekk ikun meħtieġ, joffri kull suġġeriment li jkun xieraq lill-Kunsill bil-għan li jittejjeb il-funzjonament tagħha.

4. **Programm pluriennali**

65. Il-programm pluriennali fl-anness ser jiġi aġġornat regolarment hekk kif il-ħidma tevolvi.

V. **KONKLUŻJONIJIET**

66. Il-Coreper/Kunsill huwa mitlub japprova dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-e-Justice Ewropea.

*ANNESS*

PJAN TA' AZZJONI

Anness għall-Pjan ta' Azzjoni pluriennali 2009-2013 dwar l-e-Justice Ewropea

## Introduzzjoni

Il-proġetti ġew konnessi ma' tip ta' proġett, skont l-appartenenza tagħhom għal kategorija minn dawn li ġejjin:

— appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew,

— interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali,

— problematika transversali,

— skambju tal-aħjar prattiki.

| Proġett | Stat tal-ħidma | Ħidma li għandha ssir | Responsabbli għall-azzjoni | Skeda ta' zmien ta-ħidma | Kummenti | Tip tal-Proġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Portal e-Justice** | — Prototipu tal-portal stabbilit minn grupp ta' Stati Membri<br>— Sistema DIM imfassla minn ċerti Stati Membri fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice | — Awtentikazzjoni u identifikazzjoni | — Grupp ta' Stati Membri u l-Kummissjoni | 2009-2011<br>Tnedija tal-portal fl-2008, bi ftuħ għall-pubbliku f'Diċembru 2009 (ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2008) | Riflessjonijiet għaddejjin<br>Is-siti aċċessibbli ser jiġu determinati skont il-proġetti eliġibbli u l-kriterji deċiżi mill-Kunsill | Problematika transversali |
| | — Prototipu disponibbli għall-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice f'April 2008 | — Sigurtà<br>— Interfaċċa multilingwi u ħidma ta' traduzzjoni<br>— Standards tekniċi | — Kummissjoni f'kooperazzjoni sħiħa mal-grupp ta' Stati Membri li qed jipparteċipaw fil-proġett pilota | Perfezzjonament u tisħiħ tal-portal permezz tat-twettiq ta' proġetti oħra | | |
| | | — Komunikazzjoni virtwali bejn awtoritajiet ġudizzjarji permezz ta' netwerk sigur— Ħidma għaddeja fil-qafas tal-programm IDABC u fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-e-Justice | — Studju ta' fattibbiltà mill-Kummissjoni | | | |

| Proġett | Stat tal-ħidma | Ħidma li għandha ssir | Responsabbli għall-azzjoni | Skeda ta' żmien ta-ħidma | Kummenti | Tip tal-Proġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Interkonnessjoni tar-rekords kriminali** | — Fil-qafas ta' proġett pilota, interkonnessjoni fl-2006 tar-rekords kriminali ta' ES, BE, DE, u FR, estiża għal CZ u LU f'Jannar 2008<br>— Dan il-proġett qiegħed jopera bħalissa bejn 6 Stati Membri;-14-il Stat Membru huma attwalment imsieħba<br>— Ftehim politiku fil-Kunsill ĠAI ta' Ġunju 2007 dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni qafas dwar l-organizzazzjoni ul-kontenut tal-iskambji ta' informazzjoni maħruġa mir-rekords kriminali tal-Istati Membri<br>— Approċċ ġenerali tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni "ECRIS", bil-ħsieb li tiġi stabbilita l-bażi tal-format elettroniku ta' skambju ta' informazzjoni bejn is-27 Stati Membru | — Tfassil ta' implimentazzjoni ta' referenza bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' Stati Membri ġodda għall-interkonnessjoni<br>— Stabbiliment ta' kofinanzjamenti tal-UE maħsuba għat-tħejjija tal-konnessjoni tar-rekords kriminali nazzjonali | Kunsill (ħidma fuq il-proġett ECRIS segwit mill-Grupp ta' Ħidma COPEN) u Kummissjoni (tfassil tal-implimentazzjoni ta' referenza u kofinanzjamenti tal-UE). | — Disponibbiltà tal-implimentazzjoni ta' referenza matul 2009.<br>— Kofinanzjamenti qed jinkisbu | Attwalment, ħidma segwita mill-Grupp ta' Ħidma COPEN | Interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali u appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew |
| **Proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea** | — Regolament tat-30 ta' Diċembru 2006 li jipprevedi l-użu tal-mezz elettroniku<br>— Prototipu ta' proċedura awtomatizzata mfassla minn ċerti Stati Membri<br>— Studju mniedi mill-Kummissjoni | — Jitkomplew id-diskussjonijiet u l-ħidma fuq il-prototipu<br>— Ħolqien ta' formoli dinamiċi<br>— Introduzzjoni ta' talba b'mezzi elettroniċi | — Grupp ta' Stati Membri mbagħad il-Kummissjoni<br>— Grupp ta' Stati Membri mbagħad il-Kummissjoni<br>— Kummissjoni | 2009-2011 | | Appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew |

| Proġett | Stat tal-ħidma | Ħidma li għandha ssir | Responsabbli għall-azzjoni | Skeda ta' zmien ta-ħidma | Kummenti | Tip tal-Proġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għajnuna ġudizzjarja** | Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn | — Integrazzjoni ta' informazzjoni fuq il-portal<br>— Talba għal u ksib on-line tal-għajnuna legali: tnedija ta' studju ta' fattibiltà | Kummissjoni | 2009-2013 | | Appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew |
| **Proċedura Ewropea ta' tilwimiet żgħar** | Regolament tal-11 ta' Lulju 2007 li jipprevedi l-użu tal-mezz elettroniku | — Tnedija mill-Kummissjoni ta' studju ta' fattibiltà<br>— Ħolqien ta' formoli dinamiċi<br>— Introduzzjoni ta' talba b'mezzi elettroniċi | — Kummissjoni<br>— Grupp ta' Stati Membri u l-Kummissjoni<br>— Grupp ta' Stati Membri mbagħad il-Kummissjoni | 2009-2013 | | Appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew |
| **Traduzzjoni** | Proġett Pilota: EUROVOC<br>Sistema ta' traduzzjoni awtomatika SYSTRAN użata mill-1976<br>Kwestjonarju ċċirkolat fuq inizjattiva tal-Awstrija<br>Ħidma fuq l-interoperabbiltà semantika u fuq it-tabelli (bħala għajnuna għall-komprensjoni) | — Ħolqien gradwali ta' vokabolarju legali multilingwi komparattiv<br>— Finanzjament ta' muturi ta' traduzzjoni adattati għall-qasam legali f'kull par tal-lingwi Ewropej<br>— interkonnessjoni ta' bażi ta' data għat-tradutturi u l-interpreti legali<br>— Ħolqien ta' glossarju legali<br>— Tfassil ta' tabelli ta' konkordanza semantika fl-oqsma differenti | — Kummissjoni (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet)<br>— Kummissjoni (Servizz tat-Traduzzjoni)<br>— Grupp ta' Stati Membri mbagħad il-Kummissjoni<br>— Kummissjoni u Stati Membri<br>— SEMIC-UE | 2009-2013<br>2009-2013<br>2009-2013<br>2009-2013 | | Problematika transversali |

| Proġett | Stat tal-ħidma | Ħidma li għandha ssir | Responsabbli għall-azzjoni | Skeda ta' żmien ta-ħidma | Kummenti | Tip tal-Proġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Titjib tal-użu tat-teknoloġiji tal-vidjokonferenza** | — Ktejjeb imfassal mill-Presidenza Slovena | — Finalizzazzjoni u tqegħid on-line tal-ktejjeb dwar il-portal | — Il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri | — 2008-2009 | Involviment taż-żewġ netwerks ġudizzjarji fil-ħidma | Appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew u skambju tal-aħjar prattiki |
| | — Manwal għall-utent li qed jitfassal bħal issa | — Finalizzazzjoni u tqegħid on-line tal-manwal dwar il-portal | | — Sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2009 | | |
| | — Ċirkolazzjoni ta' kwestjonarju dwar it-tagħmir f'vidjo konferenza u l-kondizzjonijiet legali għall-użu tiegħu | — Tqegħid on-line tal-informazzjoni aġġornata dwar it-tagħmir f'vidjo konferenza u l-kondizzjonijiet legali għall-użu tiegħu | — Stati Membri<br>— Maniġer tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji Ċivili u Kummerċjali<br>— Maniġer tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam kriminali | — Tqegħid on-line effettiv l-aktar tard matul l-2009 | | |
| | — Proġett għat-tfassil ta' sistema ta' prenotazzjoni: evalwazzjoni tal-fattibbiltà tagħha u tas-siwi tagħha | — Tfassil ta' sistema ta' prenotazzjoni on-line | — Il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri | — Tnedija fl-2009 | | |
| **Medjazzjoni** | Direttiva tal-21 ta' Mejju 2008 li għandha tiġi trasposta qabel il-21 ta' Mejju 2011 | — Integrazzjoni ta' informazzjoni fuq il-portal<br>— Tnedija ta' studju ta' fattibbiltà | Kummissjoni | 2011-2013 | L-iskeda ta' żmien tal-ħidma hija marbuta mad-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva | Appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew |
| **Firma elettronika** (1) | — Ħidma diġà bdiet (IDABC) (2) | | Kummissjoni | 2009-2011 | Il-proġett IDABC qed jitwettaq minn DG SANCO | Problematika transversali |
| **Notifika ta' dokument ġudizzjarju jew extra-ġudizzjarju (b'mezz elettroniku)** | Regolament tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali | — Studji ta' fattibilità | Kummissjoni | 2010-2011 | | Appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju |

| Proġett | Stat tal-ħidma | Ħidma li għandha ssir | Responsabbli għall-azzjoni | Skeda ta' zmien ta-ħidma | Kummenti | Tip tal-Proġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ħlas on-line tal-ispejjeż tal-proċedimenti** | Possibbiltà li wieħed iħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti on-line | Tnedija tal-ħidma | Stati Membri | 2011-2013 | | Appoġġ għall-istrumenti adottati għall-iżvilupp tal-Ispazju Ġudizzjarju |
| **Interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza** | — Prototipu li għandu jkopri data li tkun ġejja mir-reġistri ta' insolvenza ta' ċerti Stati Membri | — Żieda ta' data li tkun ġejja mir-reġistri ta' insolvenza ta' Stati Membri oħra<br>— Ħolqien ta' interfaċċja multilingwi<br>— Ħolqien ta' glossarju legali u semantiku | Grupp ta' Stati Membri mbagħad il-Kummissjoni | Tkomplija fl-2009 fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri. Integrazzjoni fil-portal | | Interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali |
| **Interkonnessjoni tar-reġistri dwar il-proprjetà (Integrazzjoni ta' EULIS)** | — Ħidma mwettqa minn EULIS | — l-1 fażi: ħolqien ta' kollegament mas-sit ta' EULIS<br>— it-2 fażi: Riflessjoni dwar il-possibbiltà ta' integrazzjoni parzjali ta' EULIS fil-portal<br>Awtentikazzjoni tal-utent permezz tal-portal | Kummissjoni | 2009-2010 | Konnessjoni mal-ħidma f'korpi oħra tal-Kunsill | Interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali |
| **Interkonnessjoni tar-reġistri kummerċjali (Integrazzjoni ta' EBR)** | — Ħidma mwettqa minn EBR | — l-1 fażi: ħolqien ta' kollegament mas-sit ta' EBR<br>— it-2 fażi: Riflessjoni dwar il-possibbiltà ta' integrazzjoni parzjali ta' EBR fil-portal<br>Awtentikazzjoni tal-utent permezz tal-portal | Kummissjoni | 2009-2010 | Konnessjoni mal-ħidma f'korpi oħra tal-Kunsill | Interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali |
| **Interkonnessjoni tar-reġistri tat-testamenti** | — Proġett pilota: interkonnessjoni effettiva bejn Franza u l-Belġju | — Stabbiliment tal-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni mal-ENWRA (CNUE)<br>— Studju ta' fattibbiltà mill-Kummissjoni | Kunsill ĠAI u ENWRA (CNUE) | 2011- 2013 | Konnessjoni mal-istrument futur dwar il-wirt li ser jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni fl-2009. | Interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali |

| Proġett | Stat tal-ħidma | Ħidma li għandha ssir | Responsabbli għall-azzjoni | Skeda ta' zmien ta-ħidma | Kummenti | Tip tal-Proġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Taħriġ tal-professjonisti** | — Riflessjoni għaddejja fl-EJTN dwar l-e-Learning<br>— Forum dwar il-Ġustizzja stabbilit mill-Kummissjoni<br>— Riflessjoni dwar id-diversi prattiki nazzjonali fil-grupp ta' ħidma ris-trett | — Żvilupp tal-għodda tal-e-Learning<br>— Organizzazzjoni ta' laqgħat annwali ffukati fuq suġġetti tal-e-Justice fil-qafas tal-Forum dwar il-Ġustizzja<br>— Taħriġ dwar l-użu tal-vidjokonferenza | — Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju<br>— Kummissjoni<br>— Stati Membri fil-livell nazzjonali, u jekk ikun meħtieġ fil-livell Ewropew permezz tan-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju | 2010- 2012 | | Skambju tal-aħjar prattiki |

(1) Ara wkoll il-ħidma relatata mal-awtentikazzjoni u l-identikazzjoni kif imsemmi hawn fuq għall-proġett "Portal tal-e-Justice".
(2) B'rispett għall-awtonomija li għandha tingħata lill-proġett tal-e-Justice Ewropea.

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro [1]

## It-30 ta' Marzu 2009

(2009/C 75/02)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3193 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,9386 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 127,93 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,6533 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4488 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,2250 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,92910 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,3448 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,9662 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0055 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5159 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 848,04 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 12,8433 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,9510 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,0893 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4850 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,469 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 244,51 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8560 |
| HUF | Forint Ungeriż | 308,65 | PHP | Peso Filippin | 63,980 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 44,8913 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7096 | THB | Baht Tajlandiż | 47,257 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,7260 | BRL | Real Brażiljan | 3,0608 |
| RON | Leu Rumen | 4,2238 | MXN | Peso Messikan | 19,1611 |
| TRY | Lira Turka | 2,2352 | INR | Rupi Indjan | 67,9640 |

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## KUMMISSJONI AMMINISTRATIVA TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEW GĦAS-SIGURTA SOĊJALI GĦALL-ĦADDIEMA MIGRANTI

### Rati ta' kambju ta' muniti konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72

(2009/C 75/03)

Artiklu 107 (1), (2) u (4) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72

Perjodu ta' referenza: Jannar 2009

Perjodu ta' applikazzjoni: April, Mejju u Ġunju 2009

| 01-2009 | EUR | BGN | CZK | DKK | EEK | LVL | LTL | HUF | PLN |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 EUR = | 1 | 1,95580 | 27,1693 | 7,45194 | 15,6466 | 0,704329 | 3,45280 | 279,859 | 4,23002 |
| 1 BGN = | 0,511300 | 1 | 13,8917 | 3,81017 | 8,00010 | 0,360123 | 1,76542 | 143,092 | 2,16281 |
| 1 CZK = | 0,0368062 | 0,0719856 | 1 | 0,274278 | 0,575892 | 0,0259237 | 0,127084 | 10,3005 | 0,155691 |
| 1 DKK = | 0,134193 | 0,262455 | 3,64594 | 1 | 2,09967 | 0,0945162 | 0,463343 | 37,5551 | 0,567640 |
| 1 EEK = | 0,0639116 | 0,124998 | 1,73644 | 0,476266 | 1 | 0,0450148 | 0,220674 | 17,8862 | 0,270347 |
| 1 LVL = | 1,41979 | 2,77683 | 38,5748 | 10,5802 | 22,2149 | 1 | 4,90226 | 397,341 | 6,00575 |
| 1 LTL = | 0,289620 | 0,566439 | 7,86878 | 2,15823 | 4,53157 | 0,203988 | 1 | 81,0526 | 1,22510 |
| 1 HUF = | 0,00357323 | 0,00698853 | 0,0970824 | 0,0266275 | 0,0559090 | 0,00251673 | 0,0123377 | 1 | 0,0151148 |
| 1 PLN = | 0,236406 | 0,462362 | 6,42298 | 1,76168 | 3,69894 | 0,166507 | 0,816261 | 66,1601 | 1 |
| 1 RON = | 0,236107 | 0,461778 | 6,41487 | 1,75946 | 3,69427 | 0,166297 | 0,815230 | 66,0766 | 0,998737 |
| 1 SEK = | 0,093228 | 0,182335 | 2,53294 | 0,694729 | 1,45870 | 0,0656631 | 0,321897 | 26,0906 | 0,394356 |
| 1 GBP = | 1,08910 | 2,13005 | 29,5900 | 8,11587 | 17,0406 | 0,767081 | 3,76043 | 304,793 | 4,60690 |
| 1 NOK = | 0,108502 | 0,212209 | 2,94793 | 0,808552 | 1,69769 | 0,0764212 | 0,374636 | 30,3653 | 0,458966 |
| **1 ISK =** | **0,00609146** | **0,0119137** | **0,165501** | **0,0453932** | **0,0953106** | **0,00429039** | **0,0210326** | **1,70475** | **0,0257670** |
| 1 CHF = | 0,669583 | 1,30957 | 18,1921 | 4,98969 | 10,4767 | 0,471606 | 2,31194 | 187,389 | 2,83235 |

| 01-2009 | RON | SEK | GBP | NOK | ISK | CHF |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 EUR = | 4,23537 | 10,7264 | 0,918193 | 9,21640 | — | 1,49347 |
| 1 BGN = | 2,16554 | 5,48441 | 0,469472 | 4,71235 | — | 0,763609 |
| 1 CZK = | 0,155888 | 0,394798 | 0,0337952 | 0,339221 | — | 0,0549688 |
| 1 DKK = | 0,568358 | 1,43941 | 0,123215 | 1,23678 | — | 0,200413 |
| 1 EEK = | 0,270689 | 0,685542 | 0,0586832 | 0,589036 | — | 0,0954499 |
| 1 LVL = | 6,01334 | 15,2293 | 1,30364 | 13,0854 | — | 2,12041 |
| 1 LTL = | 1,22665 | 3,10658 | 0,265927 | 2,66926 | — | 0,432538 |
| 1 HUF = | 0,0151340 | 0,038328 | 0,00328092 | 0,0329324 | — | 0,00533651 |
| 1 PLN = | 1,00126 | 2,53578 | 0,217066 | 2,17881 | — | 0,353064 |
| 1 RON = | 1 | 2,53258 | 0,216792 | 2,17606 | — | 0,352618 |
| 1 SEK = | 0,394854 | 1 | 0,0856012 | 0,859226 | — | 0,139233 |
| 1 GBP = | 4,61272 | 11,6821 | 1 | 10,0375 | — | 1,62653 |
| 1 NOK = | 0,459547 | 1,16384 | 0,0996259 | 1 | — | 0,162044 |
| **1 ISK =** | **0,0257996** | **0,0653394** | **0,00559313** | **0,0561414** | **1** | **0,00909739** |
| 1 CHF = | 2,83593 | 7,18222 | 0,614806 | 6,17115 | — | 1 |

1. Regolament (KEE) Nru 574/72 jgħid li r-rata ta' kambju ta' ammonti ta' flus f'munita meta mqabbla ma munita oħra tkun ir-rata ikkalkulata mill-Kummissjoni u ibbażata fuq il-medja ta' xahar, matul il-perjodu speċifikat f'paragrafu 2 tar-rati tal-kambju referenza, ppublikata mill-Bank Ċentrali Ewropej.

2. Il-perjodu ta' referenza jkun:

   — ix-xahar ta' Jannar għar-rati ta' kambju applikabli mill-1 ta' April ta' wara,

   — ix-xahar ta' April għar-rati ta' kambju applikabli mill-1 ta' Lulju ta' wara,

   — ix-xahar ta' Lulju għar-rati ta' kambju applikabli mill-1 ta' Ottubru ta' wara,

   — ix-xahar ta' Ottubru għar-rati ta' kambju applikabli mill-1 ta' Jannar ta' wara.

   Ir-rati tal-kambju jiġu ppublikati fit-tieni *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje C) tax-xhur ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2008 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar il-Każ COMP/M.5046 — Friesland Foods/Campina**

**Rapporteur: L-Iżvezja**

(2009/C 75/04)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata għandha dimensjoni komunitarja skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-operazzjoni attwali, id-definizzjonijiet tas-swieq tal-prodotti rilevanti huma:

(a) akkwist ta' ħalib mhux proċessat isseparat f'akkwist ta' ħalib mhux ipproċessat konvenzjonali u akkwist ta' ħalib mhux ipproċessat organiku;

(b) prodotti friski bażiċi tal-ħalib separati f'ħalib frisk, xorrox tal-butir frisk u jogurt normali;

(c) prodotti bażiċi ta' ħalib li jżommu fit-tul;

(d) prodotti bażiċi ta' ħalib frisk u organiċi;

(e) ġobon tipiku Olandiż għal grossisti tal-ġobon speċjalizzati u għal tipi moderni ta' bejgħ bl-imnut, rispettivament;

(f) butir fi kwantita' kbira mill-ħalib separat f'butir bażiku, żejt tal-butir frazzjonat u żejt tal-butir mhux frazzjonat u butir tal-pakkett magħmul mill-ħalib separat f'bejgħ għas-segmenti ta' *Out of Home* (OOH) u tal-bejgħ bl-imnut;

(g) jogurts b'valur miżjud u ġobon bi ftit xaħam magħmul minn ħalib xkumat mibjugħ lis-segment OOH;

(h) xarbiet tal-marka, mill-ħalib, friski, aromatizzati u mhux tas-saħħa, separati f'bejgħ għas-segmenti tal-OOH u tal-bejgħ bl-imnut;

(i) xarbiet mill-ħalib, b'ħajja twila u aromatizzati, separati f'xarbiet b'toma' ta' ħalib taċ-ċikkulata b'ħajja twila u xarbiet b'toma' ta' ħalib tal-frott b'ħajja twila;

(j) custard friska u poriġ separat f'bejgħ għas-segmenti tal-OOH u tal-bejgħ bl-imnut;

(k) krema likwida mill-ħalib separata f'bejgħ lis-segmenti *Out of Home*, industrijali u tal-bejgħ bl-imnut;

(l) krema tal-ispray separata fi krema tal-ispray tal-ħalib u mhux tal-ħalib u f'bejgħ lis-segmenti tal-OOH u tal-bejgħ bl-imnut;

(m) ħalib tal-kafe separat f'bejgħ lis-segmenti tal-OOH u lill-bejgħ bl-imnut u krema tal-kafe separata f'bejgħ lis-segmenti tal-OOH u lill-bejgħ bl-imnut;

(n) emulsjonijiet ta' spray imnixxef separati fi "creamers", "foamers" u "toppings";

(o) lattosi grad ta' ikel;

(p) lattosi grad farmaċewtiku separati f'lattosi farmaċewtiċi u lattosi *Dry Powder Inhalation (DPI)*.

4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-operazzjoni attwali, id-definizzjoni tas-swieq ġografiċi rilevanti huma:

(a) nazzjonali (l-Olanda) għas-swieq kollha fil-ksib ta' ħalib mhux ipproċessat;

(b) nazzjonali (l-Olanda) għas-swieq kollha ta' prodotti bażiċi u friski tal-ħalib;

(c) aktar wiesa' min-nazzjonali (inkluż Belġju, Ġermanja u l-Olanda) għal prodotti bażiċi tal-ħalib b'ħajja twila;

(d) nazzjonali (l-Olanda) għal prodotti bażiċi, friski u organiċi tal-ħalib;

(e) nazzjonali (l-Olanda) għas-swieq kollha tal-ġobon tat-tip tal-Olanda (ħlief ġobon ta' bla qoxra);

(f) mifruxa maż-ŻEE għas-swieq kollha ta' butir f'ammonti kbar u usa' min-nazzjonali (inkluż għall-anqas il-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda) għas-swieq kollha ta' butir ppakkjat;

(g) nazzjonali (l-Olanda) għal jogurts b'valur miżjud u ġobon bi ftit xaħam magħmul minn ħalib xkumat mibjugħ lis-segment OOH;

(h) nazzjonali (l-Olanda) għas-swieq kollha ta' xarbiet mill-ħalib, tal-marka, friski, mhux tas-saħħa;

(i) nazzjonali (l-Olanda u l-Belġju) jew alternattivament aktar wiesa' min-nazzjonali (inkluż l-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda) għas-swieq kollha ta' xarbiet mill-ħalib, aromatizzati, u li għandhom ħajja twila;

(j) nazzjonali (l-Olanda) għas-swieq kollha ta' custard friska u poriġ;

(k) usa' min-nazzjonali (inkluż mill-anqas il-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda) għas-swieq kollha ta' krema likwida;

(l) usa' min-nazzjonali (inkluż mill-anqas il-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda) għas-swieq kollha ta' krema tal-ispray;

(m) usa' min-nazzjonali (inkluż mill-anqas il-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda) għas-swieq kollha ta' ħalib tal-kafe u krema tal-kafe;

(n) mifrux maż-ŻEE għas-swieq kollha ta' emulsjonijiet ta' spray imnixxef;

(o) mifrux maż-ŻEE jew mad-dinja għal lattosi grad tal-ikel;

(p) mifrux maż-ŻEE jew mad-dinja għas-swieqi kollha ta' lattosi ta' grad farma.

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta x'aktarx ser tirriżulta f'impediment importanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu fis-swieq li ġejjin:

(a) ksib ta' ħalib konvenzjonali u mhux ipproċessat fl-Olanda;

(b) is-swieq kollha ta' prodotti bażiċi u friski tal-ħalib fl-Olanda;

(c) is-swieq kollha tal-ġobon tat-tip tal-Olanda fl-Olanda;

(d) jogurts b'valur miżjud u ġobon bi ftit xaħam magħmul minn ħalib xkumat mibjugħ lis-segment OOH fl-Olanda;

(e) is-swieq kollha ta' xarbiet mill-ħalib, tal-marka, friski, aromatizzati u mhux tas-saħħa fl-Olanda;

(f) is-swieq kollha ta' xarbiet ġejjin mill-ħalib u ta' ħajja twila fl-Olanda u fil-Belġju jew alternattivament f'reġjun aktar wiesa' inkluz il-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda;

(g) is-swieq kollha ta' custard frisk u poriġ fl-Olanda.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta x'aktarx mhux ser tirriżulta f'impediment importanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu fis-swieq li ġejjin:

(a) ksib ta' ħalib organiku u mhux ipproċessat fl-Olanda;

(b) prodotti bażiċi ta' ħalib li jżommu fit-tul;

(c) prodotti bażiċi mill-ħalib, friski u organiċi;

(d) ġobon mingħajr qoxra;

(e) is-swieq kollha ta' butir fi kwantita' kbira u butir ippakkjat;

(f) is-swieq kollha ta' krema likwida;

(g) is-swieq kollha ta' krema tal-ispray;

(h) is-swieq kollha ta' ħalib tal-kafe u krema tal-kafe;

(i) is-swieq kollha ta' emulsjonijiet ta' spray imnixxef;

(j) is-swieq kollha ta' lattosi grad tal-ikel;

(k) is-swieq kollha ta' lattosi ta' grad farmaċewtiku (inkluż DPI).

7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji huma biżżejjed sabiex ineħħu l-impedimenti importanti għall-kompetizzjoni fis-swieq li ġejjin:

(a) ksib ta' ħalib konvenzjonali u mhux ipproċessat fl-Olanda;

(b) is-swieq kollha ta' prodotti bażiċi u friski tal-ħalib fl-Olanda;

(c) is-swieq kollha tal-ġobon tat-tip tal-Olanda fl-Olanda;

(d) jogurts b'valur miżjud u ġobon bi ftit xaħam magħmul minn ħalib xkumat mibjugħ lis-segment OOH fl-Olanda;

(e) is-swieq kollha ta' xarbiet mill-ħalib, tal-marka, friski, u mhux tas-saħħa fl-Olanda;

(f) is-swieq kollha ta' xarbiet ġejjin mill-ħalib u ta' ħajja twila fl-Olanda u fil-Belġju jew alternattivament f'reġjun aktar wiesa' inkluz il-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda;

(g) is-swieq kollha ta' custard frisk u poriġ fl-Olanda.

8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li jekk l-impenji offruti mill-partijiet ikunu segwiti, u jiġi kkunsidrat l-impenji kollha f'daqqa, il-konċentrazzjoni proposta mhux se toħloq impedimenti importanti għall-kompetizzjoni fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali tiegħu.

9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-Suq Komuni u mal-Ftehim taż-ŻEE skont l-Artikoli 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

10. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Rapport Finali ([1]) fil-Każ COMP/M.5046 — Friesland/Campina

(2009/C 75/05)

### DAĦLA

Fit-12 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni ([2]) li biha l-kooperattivi Zuivelcoöperatie Campina U.A. u Zuivelcoöperatie Friesland Foods U.A. ("il-Partijiet") amalgamaw permezz ta' amalgamazzjoni legali sħiħa.

Il-Kummissjoni tat bidu għal proċedimenti fis-17 ta' Lulju 2008 fuq il-bażi li l-konċentrazzjoni qajmet dubji serji fir-rigward tal-kompatibilità tagħha mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE ([3]).

### PROĊEDURA

#### Estensjoni tal-iskadenza

Il-Kummissjoni estendiet il-proċedura b'ħames ġranet ta' xogħol fil-Fażi II, wara li sar ftehim bejnha u bejn il-Partijiet ([4]).

#### Id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet u r-risposta

Il-Kummissjoni ħarġet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ("DO") fit-3 ta' Ottubru 2008. Fid-DO waslet għall-konklużjoni preliminari li t-tranżazzjoni kienet se tqajjem elementi ta' tħassib serji dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tal-14-il prodott li ġejjin: il-bejgħ tal-ħalib frisk, ta' xorrox tal-butir frisk u tal-jogurt naturali frisk; ta' xarbiet friski tad-ditta mhux tas-saħħa magħmulin mill-ħalib, imqassmin skont il-linja ta' distribuzzjoni tal-bejġħ bl-imnut u dik tal-bejgħ 'il "Barra mid-Djar" ("BD"); il-bejgħ ta' jogurts u quark b'valur miżjud fis-segment BD; il-bejgħ tal-custard frisk u l-porridge (flimkien "prodotti tal-ħalib friski"); il-bejgħ ta' xarbiet magħmulin mill-ħalib li ma jiskadux malajr; il-bejgħ ta' ġobon tat-tip Olandiż lil bejjiegħa bl-ingrossa speċjalizzati u lil tipi ta' bejjiegħa bl-imnut moderni; il-ksib ta' ħalib mhux proċessat konvenzjonali (sakemm dan huwa marbut mal-elementi ta' tħassib dwar kompetizzjoni fis-swieq *downstream*); u l-bejgħ tal-lattosju li jintuża f'inalaturi fil-forma ta' trab niexef (ITN) u dak farmaċewtiku.

Il-partijiet taw it-tweġiba tagħhom għad-DO fis-17 ta' Ottubru 2008.

#### Aċċess għall-fajl

Aċċess għall-fajl ingħata lill-Partijiet fis-6 ta' Ottubru 2008.

Sussegwentament, il-Partijiet kisbu f'diversi okkażżjonijiet aċċess għad-dokumenti li ġew miżjuda fil-fajl wara n-notifikazzjoni tad-DO.

#### L-Involviment ta' partijiet terzi

Il-Partijiet terzi li ġejjin daħlu fil-proċedura wara li sottomettew talbiet motivati indirizzati lil: Superunie C.I.V. B.A., Albert Heijn B.V., Arla Foods AmbA u CBC Co., Ltd.

#### Smigħ Orali

Sar Smigħ Orali fil-21 ta' Ottubru 2008. Għalih attendew il-Partijiet, żewġ Partijiet fost l-erbgħa li ddaħħlu fil-proċedura (Albert Heijn B.V. u Arla Foods AmbA) flimkien ma' 11-il Stat Membru. Il-kummenti tal-Partijiet wasslu għal investigazzjonijiet ulterjuri min-naħa tal-Kummissjoni.

#### Impenji

Anke qabel ma seħħ is-Smigħ, il-Partijiet diġà kienu sottomettew abbozz tar-rimedji li jkopru l-prodotti friski magħmulin mill-ħalib. Fl-laqgħa mal-Partijiet sabiex jiġi stabbilit x'inhi s-sitwazzjoni kurrenti, li seħħet wara s-Smigħ, il-Kummissjoni infurmathom li l-abbozzi tar-rimedji ma kinux jindirizzaw l-oġġezzjonijiet kollha li ġew identifikati fid-DO. Sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jissottomettu proposta għal rimedju vjabbli, il-Kummissjoni estendiet il-proċedura b'tul ta' jum ta' xogħol, wara dak li fih sar ftehim min-naħa tal-Partijiet ([4]).

([1]) Skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat-23 ta' Mejju 2001 fuq it-termini ta' referenza tal-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21).
([2]) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ("ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([3]) Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004.
([4]) Skont l-Artikolu 10(3) it-tieni sottoparagrafu tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

L-ewwel sett ta' impenji li jorbtu ġie mwiegħed mill-Partijiet wara dan, u dan is-sett aktar tard ġie kkumplimentat. Il-pakkett ta' rimedju prinċipalment jikkonsisti minn divestitura ta' ġobon frisk magħmul mill-ħalib, ta' attivitajiet marbutin mal-prodotti tal-ħalib li ma jiskadux malajr u l-aċċess għall-ħalib mhux ipproċessat. It-test li sar dwar is-suq ikkonċernat juri li jinħtieġ li jsir titjib sinifikanti. Bħala konsegwenza l-Partijiet sottomettew pakkett ta' impenji rivedut.

It-tieni test li sar juri li għad kien hemm bżonn li jsir titjib fir-rigward tal-ksib tal-ħalib mhux proċessat biex jiġi żgurat li l-kompetizzjoni fis-swieq *downstream* għal prodotti friski magħmulin mill-ħalib u l-ġobon.

Fis-27 ta' Novembru 2008 l-partijiet ressqu pakkett finali ta' impenji.

Fir-rigward tal-impenji, il-Partijiet infurmawni li kienu lkoll imħassbin għaliex fil-fehma tagħhom kien hemm ksur tad-drittijiet ta' difiża tagħhom min-naħa tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni allegatament talbithom joffru rimedju fis-suq għall-ksib tal-ħalib mhux ipproċessat li fil-fehma tagħhom ma kellhiex bażi fid-DO.

F'dan ir-rigward ninnota li l-Kummissjoni la fl-abbozz tad-Deċiżjoni u lanqas qabel fid-DO ma tikkonkludi li l-pożizzjoni fis-suq b'saħħitha tal-entità li ġiet amalgamata fis-suq tal-ksib tal-ħalib mhux proċessat se, fiha nnifisha, tirriżulta f'ostakolu sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva. Minflok, it-tħassib dwar il-kompetizzjoni huwa mnissel mis-saħħa fis-suq miżjuda tal-Partijiet fis-swieq *downstream*. L-impenji proposti mill-Partijiet fir-rigward tal-ksib tal-ħalib mhux proċessat iservu biex jiżguraw, flimkiem mal-impenji dwar il-prodotti friski magħmulin mill-ħalib u l-ġobon, li l-kompetizzjoni effettiva f'dawn is-swieq *downstream* se tiġi restawrata billi x-xerrejja tan-negozju mibjugħ u l-kompetituri fis-swieq *downstream* jitħallew jakkwistaw provvisti adegwati ta' ħalib mhux proċessat fuq tul ta' żmien twil. B'konformità ma dan, la darba l-elementi ta' tħassib dwar is-swieq *downstream* jkunu ġew rimedjati, it-tħassib marbut mas-suq tal-ksib tal-ħalib mhux proċessat awtomatikament ikun ġie rimedjat ukoll.

Jiena nifhem li, wara dan, matul il-laqgħa sabiex jiġi stabbilit x'inhi s-sitwazzjoni kurrenti, is-servizzi tal-Kummissjoni indirizzaw in-nuqqas ta' ftehim potenzjali f'komunikazzjonijiet preċedenti u kkonfermaw lill-Partijiet li t-tħassib fis-suq dwar il-ksib tal-ħalib mhux proċessat huwa relatat mal-ostakoli għad-dħul u/jew l-espansjoni tas-swieq *downstream* u għalhekk l-impenji li jirrigwardaw l-aċċess għall-ħalib mhux proċessat huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-elementi ta' tħassib dwar il-kompetizzjoni fis-swieq *downstream*.

Il-Partijiet ma baqgħux isegwu din il-kwistjoni miegħi.

**L-ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI**

Fl-abbozz tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-impenji li ġew sottomessi fis-27 ta' Novembru 2008 jiżguraw li l-amalgamazzjoni proposta mhijiex se tostakola b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq għall-bejgħ tal-ħalib frisk, tax-xorrox tal-butir frisk u tal-jogurt naturali frisk; ta' xarbiet friski tad-ditta mhux tas-saħħa magħmulin mill-ħalib, imqassmin b'konformità mal-linja ta' distribuzzjoni tal-bejgħ bl-imnut u dik tal-bejgħ 'il "Barra mid-Djar" ("BD"); ta' jogurts u quark b'valur miżjud fis-segment BD; tal-custard frisk u l-porridge (flimkien "prodotti tal-ħalib friski"); ta' xarbiet magħmulin mill-ħalib li ma jiskadux malajr; ta' ġobon tat-tip Olandiż lill-bejjiegħa bl-ingrossa speċjalizzati u lil tipi ta' bejjiegħa bl-imnut moderni; u għalhekk ukoll għall-ksib ta' ħalib mhux proċessat.

Għall-kuntrarju tal-evalwazzjoni preliminari tagħha, il-Kummissjoni ddeterminat li l-konċentrazzjoni mhijiex se twassal għal xkiel sinifikanti fil-kompetizzjoni effettiva fir-rigward ta' lattosju farmaċewtiku u dak li jintuża f'inalaturi fil-forma ta' trab niexef (ITN). Hija waslet għall-konklużjoni ġenerali li l-konċentrazzjoni proposta għandha tkun iddikjarata bħala kumpatibbli mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-kundizzjoni ta' konformità sħiħa mal-impenji stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni.

Apparti mis-sottomissjoni li saret min-naħa tal-Partijiet imsemmija hawn fuq l-ebda sottomissjoni jew mistoqsija oħra ma tressqu lili min-naħa tagħhom jew min-naħa ta' xi parti terza oħra. Fid-dawl ta' dan u b'kunsiderazzjoni għall-osservazzjonijiet imsemmijin hawn fuq nikkunsidra li għal dan il-każ ma hemm bżonn li jsir l-ebda kumment partikolari ieħor fir-rigward tad-dritt li wieħed jinstema'.

Brussell, 12 ta' Diċembru 2008.

Michael ALBERS

# SOMMARJU TAD-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-17 Diċembru 2008

## li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE

## (Każ COMP/M.5046 — Friesland Foods/Campina)

*(notifikata bid-dokument numru C(2008) 8459)*

**(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 75/06)

*Fis-17 ta' Diċembru 2008 l-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' amalgamazzjoni taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa hija disponibbli fl-ilsien awtentiku tal-każ u fl-ilsna proċedurali tal-Kummissjoni fuq il-websajt tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej:*

*http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html*

### I. IL-PARTIJIET

(1) Friesland Foods għandha 9 417-il membru (fl-2007) u tbigħ prodotti tal-ħalib għal konsumaturi fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani, fl-Ażja u fl-Afrika kif ukoll ingredjenti għal konsumaturi professjonali u industrijali madwar id-dinja.

(2) Campina hija kooperattiva fil-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib li għandha 6,885 bidwi bħala membri (2007), b'attivitajiet marbutin ma' prodotti tal-ħalib friski, ġobon, butir, u ma' xarbiet tal-ħalib aromatizzati friski li jżommu fit-tul, kif ukoll ma' emulsjonijiet f'diversi pajjiżi fl-Ewropa, fl-Amerika ta' Fuq u t'Isfel u fl-Ażja.

### II. L-OPERAZZJONI

(3) Fit-12 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika formali skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li biha l-kooperattivi Zuivelcoöperatie Campina U.A. (minn hawn 'il quddiem "Campina") u Zuivelcoöperatie Friesland Foods U.A. (minn hawn 'il quddiem "Friesland Foods") ġew amalgamati permezz ta' amalgamazzjoni legali sħiħa. Minn hawn 'il quddiem Campina u Freisland Foods flimkien se jissejħu "il-partijiet notifikanti".

### III. SOMMARJU

(4) Wara li eżaminat in-notifika l-Kummissjoni adottat, fis-17 ta' Lulju 2008, deċiżjoni li biha kkonkludiet li l-operazzjoni taqa' fi ħdan l-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet u tqajjem dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni u mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE, u tat bidu għal proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)c tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet.

(5) Fit-3 ta' Ottubru 2008, intbagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lill-partijiet notifikanti skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Friesland Foods u Campina wieġbu għad-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet fis-17 ta' Ottubru 2008. Fil-21 ta' Ottubru 2008, sar Smigħ Orali fuq it-talba tal-partijiet notifikanti.

(6) Fit-28 ta' Ottubru 2008, il-partijiet notifikanti offrew impenji bl-għan li jrendu l-konċentrazzjoni proposta kompatibbli mas-suq komuni. Dawn l-impenji ġew modifikati u l-verżjoni finali tal-impenji tressqet lill-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2008.

### IV. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(7) Is-settur tal-prodotti tal-ħalib huwa magħmul minn serje ta' swieq ta' prodotti relatati ma' xulxin, li jirriflettu l-varjetà kbira ta' prodotti finali bbażati fuq il-ħalib. Il-mudell ta' negozju tipiku li jintuża minn kumpaniji li jipproduċu l-prodotti tal-ħalib, b'mod partikolari l-kooperattivi ta' dawk li jipproduċu l-prodotti tal-ħalib, jinvolvi l-ipproċessar ta' ħalib mhux ipproċessat miġbur mill-bdiewa f'varjetà kbira ta' prodotti magħmulin mill-ħalib. Il-materjal komuni mhux ipproċessat, il-ħalib mhux ipproċessat, jfisser li l-prezzijiet tal-prodotti magħmulin minnu jsegwu xejriet simili.

(8) Il-ħalib mhux ipproċessat huwa magħmul minn diversi komponenti nutrittivi: xaħam, proteini, lattożju (= zokkor tal-ħalib) u minerali. Għal ċertu tipi ta' prodotti tal-ħalib jintużaw biss komponenti mingħajr xaħam (b'mod partikolari l-proteini u l-lattożju) Prodotti oħra, b'mod partikolari l-butir u l-krema, huma bbażati fuq ix-xaħam li jinkiseb mill-ħalib. Bosta prodotti ewlenin bħall-ġobon u l-ħalib għandhom kontenut b'taħlita ta' komponenti bix-xaħam u mingħajru. Xi prodotti, b'mod partikolari l-krema, ix-xorrox tal-butir jew ix-xorrox waħdu — huma essenzjalment prodotti sekondarji li jirriżultaw mill-produzzjoni ta' prodotti ewlenin tal-ħalib bħall-ħalib li huwa tajjeb għax-xorb u l-ġobon.

## A. IS-SWIEQ RILEVANTI

### 1. Il-ksib tal-ħalib mhux ipproċessat

(9) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, l-investigazzjoni tas-suq kkonfermat li mill-aspett tad-domanda l-ħalib mhux ipproċessat organiku u l-ħalib mhux ipproċessat konvenzjonali mhumiex sostitwibbli għal dawk li jipproċessaw il-ħalib. Min-naħa tal-fornitura, il-bdiewa li jipproduċu l-ħalib organiku m'għandhomx inċentivi li jeqilbu għall-produzzjoni tal-ħalib mhux ipproċessat konvenzjonali, fid-dawl tal-primjum fil-prezz li jiksbu meta jipproduċu l-ħalib organiku mhux ipproċessat u l-investimenti li jkunu għamlu biex jipproduċu dan it-tip ta' ħalib mhux ipproċessat. Huwa possibbli li bidwi li jkun qiegħed jipproduċi l-ħalib mhux ipproċessat konvenzjonali, jeqleb għall-produzzjoni tal-ħalib mhux ipproċessat organiku, iżda dan jeħtieġ investimenti sinifikanti f'artijiet bil-ħaxix (l-użu aktar estensiv tagħhom) u perjodu ta' tranżazzjoni medju ta' sentejn. Għalhekk, ġie konkluż li l-ksib ta' ħalib mhux ipproċessat konvenzjonali u l-ksib ta' dak organiku jikkostitwixxu swieq ta' prodott separati.

(10) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti (kemm tal-ħalib konvenzjonali kif ukoll tal-ħalib organiku), instab li l-attivitajiet tal-partijiet jikkoinċidu biss fl-Olanda. Il-volumi li Campina tittrasporta kull sena mill-Ġermanja u l-Belġju lejn l-Olanda huma negliġibbli meta mqabbla mal-volum totali ta' ħalib mhux ipproċessat li nxtara mill-partijiet notifikanti fl-Olanda (iżjed minn 8 000 miljun kilogramm fis-sena). Għalhekk ġie kkunsidrat li l-amalgamazzjoni mhi se jkollha l-ebda impatt sinifikanti fuq is-suq tal-ksib tal-ħalib mhux ipproċessat barra mit-territorju tal-Olanda u l-valutazzjoni ffukat fuq l-Olanda.

### 2. Prodotti tal-ħalib bażiċi

(11) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, ġie konkluż li għandha ssir distinzjoni bejn il-prodotti tal-ħalib bażiċi friski u l-prodotti tal-ħalib bażiċi li jżommu fit-tul. Fi ħdan kull kategorija, tista' ssir distinzjoni ulterjuri bejn prodotti organiċi u prodotti mhux organiċi.

(12) Fi ħdan il-prodotti tal-ħalib bażiċi friski organiċi u dawk mhux organiċi, il-ħalib frisk, ix-xorrox tal-butir frisk, il-jogurt naturali u l-kustard jaqgħu taħt swieq ta' prodotti rilevanti separati minħabba nuqqas ta' sostituzzjoni min-naħa tal-konsumaturi u n-nuqqas ta' sostitwibbilità min-naħa tal-provvista. Il-kustard se jiġi diskuss fit-taqsima tad-diżerti tal-ħalib friski; fis-settur tal-ħalib frisk, ix-xorrox tal-butir frisk, il-jogurt naturali u l-prodotti b'tikketta privata u dawk tad-ditta jaqgħu taħt l-istess suq tal-prodotti *upstream* Id-distinzjoni possibbli,fir-rigward tal-kanal ta' distribuzzjoni, f'bejgħ bl-imnut u bejgħ OOH (Out of Home — 'il barra mid-djar), tibqa' miftuħa għal prodotti tal-ħalib bażiċi friski mhux organiċi, filwaqt li l-prodotti bażiċi friski organiċi mibjugħin OOH u dawk mibjugħa bl-imnut jagħmlu parti mill-istess suq.

(13) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, ġie konkluż li suq bħal dan huwa nazzjonali fil-każ tas-suq *upstream* tal-ħalib frisk, tax-xorrox tal-butir frisk u tal-jogurt naturali (organiċi u mhux organiċi).

(14) Peress illi fil-każ ta' prodotti tal-ħalib bażiċi li jżommu fit-tul, l-unika konverġenza tinsab fil-ħalib li ma jiskadix malajr u la s-sostitwibbilità min-naħa tad-domanda u lanqas dik min-naħa tal-fornitura ma tipprevali, is-suq tal-prodott rilevanti huwa dak tal-ħalib li ma jiskadix malajr mingħajr distinzjoni bejn prodotti b'tikketta privata u dawk tad-ditta. Titħalla miftuħa l-possibilità ta' distinzjoni bejn il-kanal ta' distribuzzjoni għall-bejgħ bl-imnut u dak OOH. Is-suq ġeografiku rilevanti huwa aktar mifrux minn dak nazzjonali u jinkludi l-Belġju, il-Ġermanja u l-Olanda.

### 3. Ġobon tat-tip Olandiż

(15) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, swieq tal-prodotti separati għall-bejgħ tal-ġobon tat-tip Olandiż lil grossisti tal-ġobon speċjalizzati u lil tipi ta' bejjiegħa bl-imnut moderni (supermerkati, ipermerkati, bejjiegħa li jiskontaw il-prezzijiet) għandhom ikunu definiti. Kwalunkwe distinzjoni ulterjuri bejn il-bejgħ ta' ġobon tat-tip Olandiż lil bejjiegħa tal-ġobon bl-imnut speċjalizzati (tal-Gouda/Maasdam/Edam, tal-ġobon naturali/mingħajr qoxra, tal-ġobon naturali ta' 15-il ġurnata/ġobon naturali ieħor) u l-bejgħ ta' ġobon tat-tip Olandiż lil tipi ta' bejjiegħa bl-imnut moderni (Gouda/Maasdam/Edam, naturali/mingħajr qoxra) se tibqa' miftuħa peress illi fil-prattika din mhix se jkollha impatt fuq il-valutazzjoni kompetittiva.

(16) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, is-swieq għall-bejgħ ta' ġobon tat-tip Olandiż lil grossisti tal-ġobon speċjalizzati u lil tipi ta' bejgħ bl-imnut moderni (li jinkludu s-segmentazzjonijiet idjaq kollha minbarra dawk tal-ġobon mingħajr qoxra) huma nazzjonali fl-ambitu tagħhom filwaqt li s-swieq għall-bejgħ tal-ġobon mingħajr qoxra tat-tip Olandiż (li jinkludi s-segmentazzjonijiet idjaq kollha) lill grossisti tal-ġobon speċjalizzati u lil tipi ta' bejgħ bl-imnut moderni huma aktar mifruxa minn dawk nazzjonali u jinkludu minn tal-inqas l-Olanda u l-Ġermanja.

### 4. Il-Butir

(17) Instab li s-*suq tal-prodott* rilevanti għall-butir għandu, l-ewwelnett, ikun diviż fi swieq separati tal-butir fi kwantità kbira u tal-butir bil-pakkett. Il-butir bl-massa magħmul mill-ħalib jagħmel parti minn suq separat minn dak tax-xaħmijiet veġetali bi kwantità kbira. Barra minn hekk, is-suq jista' jitqassam f'butir bażiku (b'kontenut ta' xaħam ta' 82 %), f'żejt tal-butir mhux iffrazzjonat (jew, sempliċiment, żejt tal-butir, b'kontenut ta' xaħam ta' 99,8 %) u żejt tal-butir iffrazzjonat (jew, sempliċiment, butir iffrazzjonat, imqassam skont it-temperatura li fiha jinħall). Fir-rigward tal-butir tal-pakkett, il-butir tal-ħalib u x-xaħmijiet veġetali jagħmlu parti minn swieq separati u s-suq għall-butir tal-ħalib fil-pakkett għandu jerġa' jinqasam f'butir tal-pakkett mibjugħ lill-bejjiegħa bl-imnut u butir tal-pakkett mibjugħ lil konsumaturi OOH. Il-kwistjoni jekk il-butir tal-pakkett tad-ditta u b'tikketta privata għandhomx ikunu tal-istess suq hija miftuħa, peress illi d-distinzjoni hawnhekk ma jkollhiex impatt fuq il-valutazzjoni kompetittiva.

(18) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, is-swieq tal-butir fi kwantità kbira, taż-żejt tal-butir iffrazzjonat u taż-żejt tal-butir mhux iffrazzjonat huma mifruxa maż-ŻEE kollha. Is-suq ġeografiku rilevanti għall-butir tal-pakkett jinkludi minn tal-inqas l-Olanda, il-Belġju u l-Ġermanja. Il-kwistjoni jekk is-suq ġeografiku rilevanti tal-butir tal-pakkett huwiex mifrux maż-ŻEE kollha tista' titħalla miftuħa peress illi din il-konklużjoni mhijiex tali li jkollha effett determinanti fuq il-valutazzjoni kompetittiva.

5. **Jogurts u krema quark b'valur miżjud**

(19) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, hemm swieq separati għall-jogurt u l-krema quark b'valur miżjud skont il-kanal ta' distribuzzjoni. Tqassim f'jogurt b'valur miżjud fuq naħa u l-quark fuq in-naħa l-oħra, tqassim f'prodotti ta' saħħa/indulġenza kif ukoll f'prodotti b'tikketta privata u dawk tad-ditta jistgħu jibqgħu miftuħa peress illi dan mhuwiex se jaffettwa l-valutazzjoni kompetittiva. Peress illi Friesland Foods mhijiex attiva fis-segment tas-saħħa, il-jogurt u l-krema quark tas-saħħa b'valur miżjud ma ġewx diskussi aktar.

(20) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, suq bħal dan huwa nazzjonali fejn jidħol is-suq *upstream* tal-jogurt u l-krema quark b'valur miżjud li jinbiegħu lil grossisti OOH u usa' minn nazzjonali fejn jidħol is-suq *upstream* tal-jogurt u l-krema quark b'valur miżjud li jinbiegħu lill-bejjiegħa bl-imnut.

6. **Xarbiet aromatizzati magħmulin mill-ħalib**

(21) F'dan is-suq saret distinzjoni preliminari bejn xarbiet tal-ħalib friski aromatizzati u xarbiet tal-ħalib aromatizzati li jżommu fit-tul.

(22) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, jeżistu swieq tal-prodotti rilevanti separati għal xarbiet tal-ħalib friski aromatizzati relatati mas-saħħa u dawk li mhumiex, li jistgħu jitqassmu ulterjorment skont il-fornitura ta' prodotti b'tikketta privata u dawk tad-ditta u skont il-kanal ta' distribuzzjoni (bejgħ bl-imnut/OOH). Peress illi l-amalgamazzjoni proposta m'għandhiex twassal għal xkiel fil-kompetizzjoni effettiva fis-suq tax-xarbiet tal-ħalib friski aromatizzati relatati mas-saħħa u s-suq tal-prodotti b'tikketta privata m'għandux se jiġi affettwat, il-valutazzjoni kompetittiva tiffoka fuq is-suq li m'għandux x'jaqsam mas-saħħa tax-xarbiet tal-ħalib aromatizzati friski li huma tad-ditta.

(23) Fir-rigward tax-xarbiet tal-ħalib aromatizzati li jżommu fit-tul, tax-xarbiet tal-ħalib b'togħma taċ-ċikkulata u dawk b'togħma tal-frott, instab li dawn ilkoll jagħmlu parti minn swieq ta' prodotti distinti. Ma hemm l-ebda bżonn li wieħed jikkonkludi jekk il-provenjenza tax-xarbiet tal-ħalib li jżommu fit-tul b'tikketta privata u dawk tad-ditta jaqgħux taħt swieq ta' prodotti differenti. Distinzjoni skont il-kanal ta' distribuzzjoni bejn il-bejgħ bl-imnut u OOH tista' wkoll titħalla miftuħa.

(24) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, suq bħal dan huwa nazzjonali fil-każ tas-suq *upstream* tal-prodotti tal-ħalib aromatizzati friski mhux relatati mas-saħħa. Fil-każ ta' xarbiet tal-ħalib aromatizzati li jżommu fit-tul, instab li f'suq li jinkludi prodotti b'tikketta privata u dawk tad-ditta, l-ambitu ġeografiku huwa usa' minn dak nazzjonali u jinkludi l-Olanda, il-Belġju u l-Ġermanja. Jekk is-suq tal-prodott fil-livell *upstream* huwa limitat għal prodotti tad-ditta, dawn is-swieq għandhom ambitu nazzjonali, peress illi jeżistu differenzi kbar bejn id-ditti minn pajjiż għal ieħor.

7. **Diżerti tal-ħalib friski**

(25) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, jeżistu swieq tal-prodotti rilevanti separati għall-kustard frisk, il-poriġ u għad-diżerti tal-pakket maqsumin f'porzjonijiet. Fir-rigward tal-kustard, tqassim skont prodotti b'tikketta privata u dawk tad-ditta mhuwiex meħtieġ. Il-kwistjoni jekk is-suq għandux jitqassam ulterjorment skont il-kanal ta' distribuzzjoni, tista' tibqa' miftuħa peress illi din mhijiex se taffettwa l-valutazzjoni kompetittiva;

(26) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, suq bħal dan huwa nazzjonali fir-rigward tas-swieq tal-kustard u l-poriġ.

8. **Il-krema**

(27) Instab li s-*suq tal-prodott* rilevanti għall-krema għandu, l-ewwelnett, ikun diviż fi swieq separati għall-krema likwida u l-krema fil-forma ta' sprej. Fir-rigward tal-krema likwida, teżisti distinzjoni bejn krema likwida magħmula mill-ħalib u dik li mhijiex u, fi ħdan kull segment, bejn krema mibjugħa permezz tal-kanal tal-bejgħ bl-imnut, dak OOH u dak industrijali. Is-suq għall-krema likwida magħmula mill-ħalib jinkludi krema likwida b'kontenut ta' xaħam baxx jew għoli. Fi ħdan is-suq tal-krema likwida magħmula mill-ħalib, id-distinzjoni bejn il-krema friska u l-krema li żżomm fit-tul tħalliet miftuħa, peress illi din ma jkollhiex impatt fuq il-valutazzjoni kompetittiva. Bl-istess mod, il-il-kwistjoni rigward id-distinzjoni bejn il-krema likwida b'tikketta privata u dawk tad-ditta tħalliet miftuħa peress illi din mhijiex se jkollha impatt fuq il-konklużjoni finali dwar l-effetti tat-tranżazzjoni. Fl-aħħar nett, peress illi l-attivitajiet tal-partijiet ma jikkoinċidux fis-suq tal-krema likwida li mhijiex magħmula mill-ħalib, il-valutazzjoni ffukat fuq il-krema likwida tal-ħalib.

(28) Fir-rigward tal-krema fil-forma ta' sprej, jeżistu żewġ swieq tal-prodotti rilevanti l-krema fil-forma ta' sprej magħmula mill-ħalib mibjugħa lill-bejjiegħa bl-imnut u dik mibjugħa lill-konsumaturi OOH. Is-suq tal-bejgħ bl-imnut tal-krema fil-forma ta' sprej jinkludi kemm prodotti b'tikketta privata u dawk tad-ditta, filwaqt li l-kwistjonijiet dwar id-distinzjoni bejn prodotti b'tikketta privata u dawk tad-ditta jistgħu jibqgħu miftuħa fil-każ tas-suq OOH, peress illi dawn m'għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni kompetittiva.

(29) Is-*suq ġeografiku* rilevanti għal krema likwida magħmula mill-ħalib mibjugħa lil bejjiegħa OOH, lil bejjiegħa bl-imnut u lil konsumaturi industrijali u dak għal krema fil-forma ta' sprej mibjugħa lill-bejjiegħa bl-imnut u dawk OOH, imorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jinkludu minn tal-inqas l-Olanda, il-Belġju u l-Ġermanja.

9. **Sustanzi li jagħtu lewn abjad lill-kafè**

(30) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, jeżistu swieq ta' prodotti rilevanti separati għall-ħalib tal-kafe u għall-krema tal-kafè. m'hija meħtieġa l-ebda separazzjoni fi prodotti b'tikketta privata minn dawk tad-ditta. Għandha ssir distinzjoni fir-rigward tal-kanali ta' distribuzzjoni f'dak tal-bejgħ bl-imnut u dak OOH.

(31) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, is-swieq ġeografiċi rilevanti għall-ħalib tal-kafè u l-krema tal-kafè huma usa' minn dawk nazzjonali u jinkludu l-Olanda, il-Belġju u l-Ġermanja.

10. **Emulsjonijiet imnixxfin bi sprej (EIS)**

(32) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, l-emulsjonijiet likwidi u l-EIS huma swieq ta' prodotti separati. Barra minn hekk, kategoriji differenti ta' EIS, bħal prodotti li jintużaw minflok il-krema, prodotti li jagħmlu r-ragħwa u prodotti li jintużaw biex jgħattu l-ħelu jagħmlu parti minn swieq ta' prodotti separati. Peress illi Campina mhijiex attiva fis-suq tal-konċentrati tax-xaħam u taż-żjut nutrittivi kkapsulati u Friesland Foods mhijiex preżenti fis-segment tal-istabilizzanti tal-panura, id-definizzjoni preċiża tas-suq tal-prodott għal dawn it-tliet prodotti ma ġietx indirizzata.

(33) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, is-swieq għall-prodotti li jintużaw minflok il-krema, il-prodotti li jagħmlu r-ragħwa u l-prodotti li jintużaw biex jgħattu l-ħelu kif ukoll dawk tal-istabilizzanti tal-panura huma mifruxa maż-ŻEE kollha.

11. **Il-Lattożju**

(34) Fir-rigward tas-*suq tal-prodott* rilevanti, il-lattożju ta' grad alimentari u dak ta' grad farmaċewtiku jagħmlu parti minn żewġ swieq tal-prodotti distinti. Fir-rigward tal-lattożju farmaċewtiku, eċċipjenti bħal-lamtu, il-Mannitol u l-MCC mhumiex sorsi effettivi ta' fornitura alternattiva għall-klijenti u minħabba f'hekk mhumiex limitazzjoni kompetittiva. Barra minn hekk, peress illi t-tranżazzjoni m'għandha twassal għall-ebda tħassib dwar il-kompetizzjoni la fis-suq tal-lattożju farmaċewtiku u lanqas fis-swieq idjaq possibbli tal-lattożju ta' grad farmaċewtiku li jintuża fil-proċess ta' kompressjoni diretta u tal-lattożju farmaċewtiku li jintuża fil-proċess ta' granulazzjoni mxarraba, kieku dawn kollhom jiġu definiti, id-distinzjoni bejniethom tħalliet miftuħa. Fl-aħħar mill-aħħar, suq tal-prodott rilevanti separat għandu jkun definit għal-lattożju li jintuża f'Inalaturi ta' Trab Niexef (*Dry Powder Inhaler* — DPI). Fi ħdan il-lattożju li jintuża fid-DPI, għandu jiġi definit suq rilevanti separat fir-rigward tal-lattożju sofistikat li jintuża fid-DPI u dak anqas sofistikat li jintuża għad-DPI.

(35) Fir-rigward tas-*suq ġeografiku* rilevanti, fil-każ tal-lattożju ta' grad alimentari, m'hemmx bżonn li wieħed jasal għal konklużjoni peress li ma jirriżulta l-ebda tħassib dwar il-kompetizzjoni, irrispettivament mid-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti. Fir-rigward tal-lattożju farmaċewtiku u dak li jintuża fid-DPI, id-definizzjoni tas-suq ġeografiku tħalliet miftuħa. Tabilħaqq, fis-suq dinji kemm għal-lattożju ta' grad farmaċewtiku u dak li jintuża fid-DPI, il-pożizzjoni tal-entità li ġiet amalgamata tkun prattikament l-istess bħal ma hi fis-suq li jkopri ż-ŻEE. It-tranżazzjoni mhix se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq globali u fis-swieq li jkopru ż-ŻEE għal-lattożju farmaċewtiku u l-lattożju li jintuża fid-DPI, irrispettivament mid-definizzjoni eżatta tal-ambitu ġeografiku tas-swieq

B. **Il-VALUTAZZJONI KOMPETITTIVA**

1. **Daħla**

(36) Saret investigazzjoni fil-fond tal-istruttura u tat-tħaddim tas-swieq tal-prodotti tal-ħalib, li huma affettwati mill-amalgamazzjoni proposta. B'riżultat ta' din l-investigazzjoni, instab li l-amalgamazzjoni x'aktarx li mhijiex se twassal għal xkiel sinifikanti fil-kompetizzjoni effettiva fis-swieq tal-ħalib li jżomm fit-tul, tal-prodotti tal-ħalib friski bażiċi organiċi, tal-butir fi kwantità kbira u dak tal-pakkett, tal-krema likwida u dik fil-forma ta' sprej, tas-sustanzi li jagħtu lewn abjad lill-kafè, tal-emulsjonijiet imnixxfin bl-isprej, tal-lattożju ta' grad alimentari u tal-lattożju farmaċewtiku u kif ukoll ta' dak li jintuża fid-DPI.

(37) L-amalgamazzjoni proposta twassal għal xkiel sinifikanti fil-kompetizzjoni effettiva fis-swieq għall-ksib tal-ħalib mhux ipproċessat, tal-prodotti tal-ħalib bażiċi friski, tal-ġobon, tal-jogurt u l-krema quark b'valur miżjud, tax-xarbiet tal-ħalib aromatizzati friski, tax-xarbiet tal-ħalib li jżommu fit-tul u tal-kustard frisk u l-poriġ.

2. **Il-ksib tal-ħalib mhux ipproċessat**

(38) Fir-rigward tal-ksib tal-ħalib mhux ipproċessat, l-amalgamazzjoni se ġġib flimkien iż-żewġ xerrejja prinċipali tal-ħalib mhux ipproċessat fl-Olanda, li flimkien se jikkontrollaw [70-80 %] tas-suq.

(39) L-element ta' tħassib dwar il-kompetizzjoni mhuwiex li l-entità amalgamata tkun kapaċi teżerċita influwenza kbira fis-suq *upstream* u tbaxxi l-prezzijiet li jitħallsu lill-bdiewa għall-ħalib. Pjuttost, minħabba l-influwenza kbira li l-operatur il-ġdid se jkollu fuq is-swieq *downstream* se jkun jista' jagħmel profitti addizzjonali u bil-flus żejjed iħallas prezzijiet aktar għoljin lill-bdiewa. Bħala konsegwenza, l-entità li ġiet amalagamata se tkun f'pożizzjoni li tiġbed aktar bdiewa lejha u tmantni u/jew issaħħaħ l-bażi tagħha tal-bdiewa. Din is-sitwazzjoni se żżid l-ostakoli għad-dħul fi u/jew l-espansjoni tas-swieq primarji *downstream* tal-prodotti tal-ħalib fejn il-ħalib mhux ipproċessat mill-Olanda huwa meħtieġ biex ikun hemm kompetizzjoni effettiva.

3. **Prodotti tal-ħalib friski**

(40) Il-kunċett ta' prodotti tal-ħalib friski jinkludi prodotti bażiċi tal-ħalib (il-ħalib frisk, ix-xorrox tal-butir frisk u l-jogurt naturali), il-jogurt u l-krema quark b'valur miżjud, xarbiet tal-ħalib aromatizzati friski, il-kustard frisk u l-poriġ.

(41) It-tranżazzjoni proposta se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva minħabba l-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti fis-suq tal-ħalib frisk, tax-xorrox tal-butir frisk u tal-jogurt naturali fl-Olanda u f'parti sostanzjali tas-Suq Komuni irrispettivament minn jekk dan is-suq jiġix segmentat aktar skont il-kanal ta' distribuzzjoni. Il-konklużjoni kienet ibbażata, fost affarijiet oħrajn, fuq is-sehem kbir tas-suq li l-partijiet għandhom flimkien, fuq il-fatt li kienu kkunsidrati bħala l-kompetituri l-aktar qrib ta' xulxin, fuq id-diffikultà għall-klijenti li jeqilbu għal fornituri alternattivi u fuq id-diffikultà għall-kompetituri li jespandu l-produzzjoni fil-każ ta' żieda fil-prezzijiet.

(42) Għall-istess raġunijiet imsemmijin hawn fuq, il-konċentazzjoni notifikata xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva minħabba l-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti fis-suq tal-jogurt u tal-krema quark b'valur miżjud fl-Olanda, li jiġi fornut lill-qasam tal-bejgħ OOH u fis-suq tax-xarbiet tal-ħalib aromatizzati friski mhux tas-saħħa li huma tad-ditta fl-Olanda, imqassmin skont il-kanal ta' distribuzzjoni tal-bejgħ bl-imnut u dak tal-bejgħ OOH.

(43) Fis-swieq għad-diżerti friski, il-konċentrazzjoni notifikata x'aktarx li xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva (i) fis-suq tal-kustard frisk fl-Olanda u (ii) fis-suq tal-poriġ fl-Olanda, li flimkien jagħmlu parti sostanzjali mis-suq komuni irrispettivament minn jekk dawn is-swieq għandhomx jitqassmu aktar skont il-kanal ta' distribuzzjoni. Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-konklużjoni hija bbażata, fost affarijiet oħrajn, fuq il-pożizzjoni tal-partijiet fis-suq u fuq il-fatt li l-partijiet kienu meqjusa bħala l-kompetituri l-aktar fil-qrib ta' xulxin u għalhekk kien diffiċli għall-konsumaturi tagħhom biex jeqilbu għal fornituri alternattivi.

4. **Ġobon tat-tip Olandiż**

(44) Il-konċentrazzjoni twassal għal xkiel sinifikanti fil-kompetizzjoni effettiva fis-swieq għall-bejgħ tal-ġobon tat-tip Olandiż lil grossisti speċjalizzati (li jinkludu s-segmentazzjonijiet idjaq tal-ġobon li żviluppa bis-sħiħ fit-togħma, tal-Gouda u tal-ġobon ta' 15-il ġurnata) u lil tipi ta' bejjiegħa bl-imnut moderni (li jinkludu s-segmentazzjonijiet idjaq f'ġobon naturali u ġobon Gouda) fl-Olanda. Kull wieħed minn dawn is-swieq jikkonstitwixxi parti sostanzjali tas-Suq Komuni.

(45) Fir-rigward ta' bejgħ lil grossisti speċjalizzati fil-ġobon, din il-valutazzjoni hija bbażata, fost affaijiet oħrajn, fuq is-sehem kbir fis-suq li għandhom il-partijiet ([40-70 %] %), fuq il-kompetizzjoni mill-qrib bejn il-partijiet, fuq il-kapaċitajiet limitati tal-grossisti speċjalizzati fil-ġobon li jeqilbu għal fornituri alternattivi lokali jew barranin, fuq il-prospetti limitati għal dħul fis-suq u l-espansjoni tiegħu fil-futur qarib u fuq il-fatt li l-fatturi kollha ta' kontrobilanċ li tressqu mill-partijiet (perżempju, tnaqqis fid-domanda u żieda fl-importazzjoni mill-ġdid/bejgħ tal-ġobon li oriġinarjament kellu jkun għall-esportazzjoni fil-każ ta' żieda fil-prezzijiet, l-allegazzjoni ta' dipendenza fuq il-kapaċità ta' ħżin u ta' maturazzjoni tal-grossisti) mhumiex suffiċenti biex iwaqqfu l-partijiet li qed jamalgamaw milli jżidu l-prezzijiet.

(46) Fir-rigward ta' ta' tipi moderni ta' bejgħ bl-imnut, din il-valutazzjoni hija bbażata, fost affarijiet oħrajn, fuq l-ishma kbar fis-suq tal-partijiet ([60-70 %] %), il-kompetizzjoni mill-qrib bejn il-partijiet, il-grad limitat ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet u l-grossisti speċjalizzati fil-ġobon, il-possibiltajiet limitati tat-tipi moderni ta' bejgħ bl-imnut li jeqilbu għal fornituri alternattivi lokali jew barranin, il-prospetti limitati għal dħul fis-suq u l-espansjoni tiegħu fil-futur qrib u l-fatt li l-fatturi kollha ta' kontrobilanċ li tressqu mill-partijiet (peżempju, is-saħħa tax-xerrej, żieda fl-importazzjoni mill-ġdid/bejgħ ta' ġobon li orġinarjament kien se jiġi esportat minħabba żieda fil-prezzijiet u l-użu akbar ta' ġobon bla qoxra fil-każ ta' żidiet fil-prezzijiet) mhumiex suffiċenti biżżejjed biex iwaqqfu l-partijiet li ġew amalgamati milli jżidu l-prezzijiet.

(47) L-ebda element ta' tħassib dwar il-kompetizzjoni ma ġie identifikat fis-swieq tal-bejgħ tal-ġobon Maasdam u tal-ġobon tat-tip Olandiż mingħajr qoxra (inklużi sottosegmentazzjonijiet idjaq) lill-grossisti tal-ġobon speċjalizzati u lil tipi ta' bejjiegħa bl-imnut moderni, fl-Olanda.

5. **Xarbiet tal-ħalib li jżommu fit-tul**

(48) Fir-rigward tas-suq tax-xarbiet tal-ħalib li jżommu fit-tul, x'aktarx li l-konċentrazzjoni notifikata se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-Olanda tax-xarbiet tal-ħalib tad-ditta b'togħma taċ-ċikkulata li jżommu fit-tul, fis-suq tal-Olanda tax-xarbiet tal-ħalib tad-ditta b'togħma tal-frott li jżommu fit-tul, fis-suq tal-Belġju tax-xarbiet tal-ħalib tad-ditta b'togħma taċ-ċikkulata li jżommu fit-tul, fis-suq tal-Belġju tax-xarbiet tal-ħalib tad-ditta b'togħma tal-frott li jżommu fit-tul, fis-suq tal-Olanda, tal-Belġju u tal-Ġermanja tax-xarbiet tal-ħalib tad-ditta u b'tikketta privata b'togħma taċ-ċikkulata li jżommu fit-tul u fis-suq tal-Olanda, tal-Belġju u tal-Ġermanja tax-xarbiet tal-ħalib tad-ditta u b'tikketta privata b'togħma tal-frott li jżommu fit-tul, irrispettivament minn jekk dawn is-swieq jeħtiġux li jiġu segmentati aktar skont il-kanal ta' distribuzzjoni.

(49) Din il-konklużjoni hija bbażata fuq is-sejba li, fost affarijiet oħrajn, il-kumpaniji li ġew amalgamati għandhom flimkien ishma kbar fis-suq, huma kkunsidrati bħala kompetituri mill-qrib u lkoll għandhom ditti b'saħħithom fis-suq. Barra minn hekk, l-investigazzjoni tas-suq indikat li l-konsumaturi ftit jeqilbu għal fornituri oħra u l-possibilità li jidħol kompetitur ieħor fis-suq hija zgħira.

6. **Impenji offruti mill-partijiet notifikanti.**

(50) Sabiex jitneħħew l-elementi ta' tħassib identifikati dwar il-kompetizzjoni li tqajmu minħabba t-tranżazzjoni, Campina u Friesland Foods ipproponew li jieħdu impenji taħt l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. L-ewwel sett ta' impenji ġie sottomess fit-28 ta' Ottubru 2008, ikkumplimentat fil-5 ta' Novembru 2008, bl-għan li tinkiseb approvazzjoni tal-operazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni. Il-pakkett ta' rimedju jikkonsisti fiċ-ċessjoni ta' negozji fil-prodotti tal-ħalib friski, tal-ġobon, tax-xarbiet tal-ħalib li jżommu fit-tul u tal-aċċess għall-ħalib mhux ipproċessat.

(51) Sussegwentament il-Kummissjoni ittestjat l-impenji fis-suq. Ir-riżultati tal-ewwel test urew li titjib sinifikanti kien meħtieġ. Bħala konsegwenza, il-partijiet issottomettew, fid-19 ta' Novembru, pakkett ta' impenji rivedut li indirizza, kif inhu xieraq, id-dgħufijiet li ġew identifikati fl-ewwel pakkett ta' rimedju li jikkonċerna ċ-ċessjoni tan-negozju fil-prodotti tal-ħalib friski, iċ-ċessjoni tan-negozju fil-ġobon u l-pakkett dwar ix-xarbiet tal-ħalib li jżommu fit-tul bħala tali. Madanakollu, il-Kummissjoni kienet għadha mħassba li n-nuqqas ta' aċċess għall-ħalib mhux proċessat joħloq xkiel sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-swieq *downstream* tal-prodotti tal-ħalib bażiċi friski u tal-ġobon tat-tip Olandiż, fl-Olanda inġenerali, u li jirriżulta f'nuqqas ta' vjabbilità għan-negozji ċeduti għas-suq *downstream* b'mod partikolari. L-ittestjar tat-tieni pakkett fis-suq ikkonferma li titjib kien meħtieġ f'dan ir-rigward.

(52) Sussengwentament, fis-27 ta' Novembru 2008 il-partijiet issottomettew pakkett finali ta' Impenji.

(53) B'dan l-isfond t'hawn fuq, il-pakkett finali ta' impenji jinkludi:

(54) In-negozju kollu tal-prodotti tal-ħalib friski ta' Friesland Foods fl-Olanda li jkopri bħala prodotti l-ħalib frisk, ix-xorrox tal-butir frisk, il-jogurt naturali, jogurts u krema quark b'valur miżjud, il-kustard frisk, il-poriġ, xarbiet tal-ħalib aromatizzati friski, il-krema friska u prodotti tal-ħalib bażiċi friski organiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħin "in-Negozju Ċedut fil-prodotti Friski").

(55) Liċenzja esklussiva ta' ħames snin li tiġġedded, l-isem tad-ditta Friesche Vlag jintuża fl-Olanda għall-portfolju attwali tal-prodott FF Fresh, segwita minn perjodu ta' żmien perpetwu li fih l-aċċess għall-isem tad-ditta jkun miċħud.

(56) Is-sjieda tad-ditta ta' Campina, Melkunie, u s-sjieda tas-sottoditti kollha ta' Friesche Vlag u d-ditti kollha li huma speċifiċi għall-prodotti ta' FF Fresh (bl-eċċezzjoni tad-ditta Friesche Vlag nfisha) huma inklużi fiċ-ċessjoni.

(57) Iċ-ċessjoni tal-faċilità ta' produzzjoni ta' Campina fi Bleskensgraaf li ġie mibjugħ u s-separazzjoni ta' tim tal-bejgħ u impjegati oħra għar-Riċerka u l-Iżvilupp, l-ippjanar u l-loġistika u l-appoġġ ġenerali mill-organizzazzjoni tal-bejgħ tal-entità amalgamata (minn hawn 'il-quddiem in-Negozju Ċedut tal-Ġobon).

(58) Fir-rigward tax-xarbiet tal-ħalib li jżommu fit-tul, iċ-ċessjoni tad-ditta ta' Campina, Choco Choco fis-segment tal-prodotti tal-ħalib b'togħma taċ-ċikkulata u ċ-ċessjoni tad-ditta Yogho Yogho għal b'togħma tal-frott, fl-Olanda.

(59) In-negozji ċeduti jinkludu, fost affarijiet oħrajn, l-assi kollha tanġibbli u mhux tanġibbli (li jinkludu drittijiet ta' propjetà intellettwali), li jikkontribwixxu għall-operazzjoni attwali. Barra minn hekk il-liċenzji, il-permessi u l-awtorizzazzjonijiet kollha li nħarġu minn kwalunkwe organizazzjoni tal-gvern ġew inklużi kif ukoll il-kuntratti, il-kirjiet, l-impenji u l-ordnijiet tal-konsumaturi kollha tan-negozji ċeduti u r-rekords kollha tal-klijenti, ta' kreditu u rekords oħra tan-negozji ċeduti. Il-persunal huwa inkluż ukoll.

(60) Tliet elementi huma mmirati għall-iżgurar tal-aċċess ta' kompetituri tas-suq *downstream*, inklużi n-negozji ċeduti, għall-ħalib mhux ipproċessat. L-ewwelnett, hemm ftehim ta' fornitura tranżizzjonali li jiżgura l-aċċess għall-ħalib mhux ipproċessat għaż-żewġ faċilitajiet ta' produzzjoni. Taħt dan il-ftehim ta' fornitura tranżizzjonali n-Negozji Ċeduti jistgħu jixtru l-ħalib mhux ipproċessat mill-entitità li ġiet amalgamata bil-"prezz garantit" (li huwa l-prezz garantit mill-entità amalgamata għall-bdiewa tagħha) nieqes 1 %.

(61) It-tieni, wara l-perjodu kopert mill-ftehim ta' fornitura tranżizzjonali, se tiġi stabbilita fondazzjoni (il-Fond Olandiż tal-Ħalib, FOĦ) sabiex tiżgura aċċess għall-ħalib mhux proċessat sa volum massimu ta' 1,2 biljun kg ta' ħalib mhux ipproċessat fis-sena. Dan se jkun ibbażat fuq sistema ta' drittijiet ta' kreditu li se jingħataw lill-kompetituri *downstream*. In-Negozju Ċedut fil-prodotti Friski u n-Negozji Ċeduti tal-Ġobon se jkollhom drittijiet ta' kreditu preferenzjali kif ġew stabbiliti fl-impenji mtejbin, jiġifieri, sal-volum li jirrappreżenta l-kapaċità tal-produzzjoni totali ta' dawk in-negozji. Bl-istess mod, permezz ta' dan il-ftehim il-prezz għall-ħalib mhux ipproċessat se jkun "il-prezz garantit" nieqes 1 % matul l-ewwel ħames snin.

(62) It-tielet element huwa mmirat lejn tibdil strutturali L-ostakoli li jostakolaw il-bdiewa tal-entità amalgamata milli jħallu l-entità tnaqqsu sabiex jiġi żgurat (i) il-ksib tal-ħalib mhux ipproċessat indipendentement mill-entità amalgamata u (ii) l-abilità għan-negozji ċeduti li jistabilixxu soluzzjoni strutturali fit-tul għall-ksib tal-ħalib mhux ipproċessat. Din is-soluzzjoni tikkonsisti minn pagament ta' ħruġ (Pagament tal-Bidu) ta' EUR 5/100 kg li jrid jitħallas lil kwalunkwe membru li jħalli l-entità amalgamata sakemm għadd ta' membri li jirrappreżentaw volum ta' 1,2 biljun kilogramma ta' ħalib mhux ipproċessat ikunu ħallew lil FrieslandCampina.

## V **KONKLUŻJONI**

(63) Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, id-deċiżjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta mhijiex se xxekkel il-kompetizzjoni effettiva fis-Suq Komuni jew f'parti sostanzjali minnu b'mod sinifikanti.

(64) Bħala konsegwenza l-konċentrazzjoni għandha tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-Suq Komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, b'konformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 75/07)

**In-numru tal-XA:** XA 271/08

**L-Istat Membru:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Ir-reġjun:** Freistaat Sachsen

**It-titlu tal-iskema tal-għajnuna jew isem l-impriża li qed tirċievi l-għajnuna individwali:**

Gemeinsames Umsetzungsdokument zum Programm Ziel 3/Cíl 3 zur Förderung der grenzübergreifenden Zusammenarbeit 2007-2013 zwischen dem Freistaat Sachsen und der Tschechischen Republik im Rahmen des Ziels "Europäische territoriale Zusammenarbeit"

**Il-bażi ġuridika:**

Beihilfen werden nach Maßgabe

— des gemeinsamen Programmdokuments (Operationelles Programm CCI-Code: 2007CB163PO017),

— des Gemeinsamen Umsetzungsdokumentes und

— der Verordnung (EG) Nr. 1857/2006 der Kommission vom 15. Dezember 2006 über die Anwendung der Artikel 87 und 88 EG-Vertrag auf staatliche Beihilfen an kleine und mittlere in der Erzeugung von landwirtschaftlichen Erzeugnissen tätige Unternehmen und zur Änderung der Verordnung (EG) Nr. 70/2001,

in der jeweils geltenden Fassung, gewährt.

Die Förderung wird darüber hinaus nach Maßgabe der §§ 23 und 44 der Haushaltsordnung für den Freistaat Sachsen (Sächsische Haushaltsordnung — SäHO, SächsGVBl. 2001, S. 154) sowie der hierzu ergangenen Verwaltungsvorschriften des Sächsischen Staatsministeriums der Finanzen, in der jeweils geltenden Fassung, mit den im Umsetzungsdokument normierten abweichenden bzw. besonderen Regelungen gewährt

**In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 1 miljun fis-sena

**L-intensità massima tal-għajnuna:** 50 %

**Id-data tal-implimentazzjoni:** Wara li l-Kummissjoni tippubblika t-tagħrif fil-qosor

**It-tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għotja tal-għajnuna individwali:** Sal-31.12.2013

**L-għan tal-għajnuna:** L-għajnuna se tfittex li tilħaq l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

— it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi u ambjentali transkonfinali fir-reġjun megħjun tas-Sassonja u tar-Repubblka Ċeka permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji komuni għall-iżvilupp territorjali sostenibbli;

— iż-żieda, b'mod sostenibbli, tal-kompetittività tar-reġjun fil-kuntest Ewropew;

— it-twettiq fir-realtà, b'mod immirat, tal-potenzjal għall-iżvilupp tar-reġjun megħjun permezz ta' kooperazzjoni transkonfinali effiċjenti.

Għal dan il-għan se jkunu applikati d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006:

— L-Artikolu 5: Il-ħarsien tal-pajsaġġi u tal-bini tradizzjonali, b'mod partikulari għal miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-infrastruttura għat-turiżmu (in-numru 2.2.2.1 tad-dokument dwar l-implimentazzjoni) u li għandhom x'jaqsmu mal-klima, mal-foresti, mal-ħarsien ambjentali u tal-pajżaġġi (in-numru 2.3.1.1 tad-dokument dwar l-implimentazzjoni), b'mod esklussiv miżuri għall-implimentazzjoni tan-NATURA 2000;

— L-Artikolu 15: Il-forniment ta' għajnuna teknika fis-settur agrikolu, b'mod partikulari għal miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni ta' netwerks ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-ekonomija u tax-xjenza (in-numru 2.2.2.1 (a) sa (ċ) tad-dokument dwar l-implimentazzjoni), u mal-promozzjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni u l-ġestjoni ambjentali (in-numru 2.3.1.3 (b) u (c) tad-dokument dwar l-implimentazzjoni).

Għall-eliġibbiltà tal-ispejjeż għall-għajnuna jgħoddu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**Is-setturi ekonomiċi kkonċernati:** L-agrikoltura (it-tkabbir t'uċuħ tar-raba' mhux perenni, it-tkabbir t'uċuħ tar-raba' perenni, il-mixtliet, it-trobbija tal-annimali, l-agrikoltura mħallta, l-għoti ta' servizzi agrikoli)

**L-isem u l-indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Sächsische Aufbaubank — Förderbank
Pirnaische Straße 9
01069 Dresden
DEUTSCHLAND

**L-indirizz tas-sit tal-internet:**

http://www.ziel3-cil3.eu/servlet/PB/show/1042655_l1/Umsetzungsdok_DE.pdf

**Tagħrif ieħor:**

Sächsisches Staatsministerium für Wirtschaft und Arbeit
Referat 36, Verwaltungsbehörde des EU-Programms „Grenzübergreifende Zusammenarbeit"
Wilhelm Buck Straße 2
01097 Dresden
DEUTSCHLAND

Thomas TREPMANN
*Referatsleiter*
*Sächsisches Staatsministerium für Umwelt und Landwirtschaft*

---

**In-numru tal-XA:** XA 373/08

**L-Istat Membru:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Ir-reġjun:** Il-pajjiż kollu

**It-titlu tal-iskema tal-għajnuna jew isem l-impriża li qed tirċievi l-għajnuna individwali:**

Grundsätze für eine nationale Rahmenrichtlinie zur Gewährung staatlicher Zuwendungen zur Bewältigung von durch widrige Witterungsverhältnisse verursachte Schäden in der Landwirtschaft

**Il-bażi ġuridika:**

Grundsätze für eine nationale Rahmenrichtlinie zur Gewährung staatlicher Zuwendungen zur Bewältigung von durch Naturkatastrophen oder widrige Witterungsverhältnisse verursachte Schäden in Landwirtschaft, Binnenfischerei und Aquakultur

**In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 10 miljun

**L-intensità massima tal-għajnuna:** 80 % u 90 % fiż-żoni inqas vantaġġati

**Id-data tal-implimentazzjoni:** L-għajnuna mhix se tibda tingħata qabel ma tiġi ppubblikata d-deskrizzjoni fil-qosor dwar l-iskema tal-għajnuna fuq l-internet

**It-tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għotja tal-għajnuna individwali:** Sat-30 ta' Ġunju 2014

**L-għan tal-għajnuna:** L-Artikolu 11: Għajnuniet għall-ħsarat imġarrbin fil-qasam tal-agrikoltura minħabba l-maltemp;

L-għajnuna għall-ħsarat ikkawżati minn (a) diżastri naturali fil-qasam tal-agrikoltura jew għall-ħsarat fil-qasam (b) tas-sajd fl-ibħra interni u tal-akkwakultura hija suġġetta għal proċedura speċjali ta' notifika:

(a) in-numru provviżorju 1630, N 568/2008 fis-SANI

(b) in-numru provviżorju 1546 fis-SANI

**Is-setturi ekonomiċi kkonċernati:** Is-setturi agrikoli kollha

Se jiġu megħjuna impriżi li, hi x'inhi s-sura legali tagħhom, huma impriżi żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 361/2003, u li l-attivitajiet tan-negozju tagħhom jinkludu l-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli, inklużi t-trobbija tan-naħal u ċ-ċaqliq tal-bhejjem minn reġjun għal ieħor skont l-istaġun

**L-isem u l-indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Minister für Ernährung und Ländlichen Raum des Landes Baden-Württemberg
Postfach 10 34 44
70029 Stuttgart
DEUTSCHLAND

Bayerischen Staatsminister für Landwirtschaft und Forsten
Postfach 22 00 12
80535 München
DEUTSCHLAND

Senatsverwaltung für Gesundheit, Umwelt und Verbraucherschutz
Brückenstr. 6
10179 Berlin
DEUTSCHLAND

Minister für Ländliche Entwicklung, Umwelt und Verbraucherschutz des Landes Brandenburg
Postfach 60 11 50
14411 Potsdam
DEUTSCHLAND

Senator für Wirtschaft und Häfen der Freien Hansestadt Bremen
Postfach 10 15 29
28015 Bremen
DEUTSCHLAND

Senator für Wirtschaft und Arbeit der Freien und Hansestadt Hamburg
Postfach 11 21 09
20421 Hamburg
DEUTSCHLAND

Minister für Umwelt, ländlichen Raum und Verbraucherschutz des Landes Hessen
Postfach 31 09
65021 Wiesbaden
DEUTSCHLAND

Minister für Landwirtschaft, Umwelt und Verbraucherschutz des Landes Mecklenburg-Vorpommern
Postfach
19048 Schwerin
DEUTSCHLAND

Minister für Ernährung, Landwirtschaft, Verbraucherschutz und Landesentwicklung des Landes Niedersachsen
Postfach 2 43
30002 Hannover
DEUTSCHLAND

Minister für Umwelt und Naturschutz, Landwirtschaft und Verbraucherschutz des Landes Nordrhein-Westfalen
Postfach
40190 Düsseldorf
DEUTSCHLAND

Minister für Wirtschaft, Verkehr, Landwirtschaft und Weinbau des Landes Rheinland-Pfalz
Postfach 3269
55022 Mainz
DEUTSCHLAND

Minister für Umwelt des Saarlandes
Postfach 10 24 61
66024 Saarbrücken
DEUTSCHLAND

Sächsischen Staatsminister für Umwelt und Landwirtschaft
Postfach
01076 Dresden
DEUTSCHLAND

Ministerin für Landwirtschaft und Umwelt des Landes Sachsen-Anhalt
Postfach 37 62
39012 Magdeburg
DEUTSCHLAND

Minister für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein
Postfach 5009
24062 Kiel
DEUTSCHLAND

Minister für Landwirtschaft, Naturschutz und Umwelt des Freistaates Thüringen
Postfach 90 03 65
99106 Erfurt
DEUTSCHLAND

**Indirizz tas-sit tal-internet:**

http://www.bmelv.de/SharedDocs/downloads/04-Landwirtschaft/Foerderung/Beihilfen/Beihilfe__Naturereignisse.html

**Tagħrif ieħor:** Il-benefiċċji mill-istat, li għandhom jaslu mill-aktar fis possibbli għand dawk li ġew affettwati, jappoġġaw l-impriżi fil-ġestjoni tal-kriżi tagħhom. Fl-imgħoddi kien hemm dewmien fit-twaqqif ta' skemi għall-kumpens u fl-awtorizzazzjoni tagħhom min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-prinċipji għal skemi nazzjonali ta' benefiċċji qed jitressqu sabiex l-għajnuna tkun tista' tingħata malajr fil-każ ta' problemi gravi.

Din il-proċedura hija f'konformità mal-linji ta' gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu u f'dak tal-forestrija mis-sena 2007 sal-2013. Fihom, l-Istati Membri ssirilhom ir-rakkomandazzjoni li jwaqqfu skemi tal-għajnuna mill-istat għall-ħasarat imġarrbin minħabba avvenimenti naturali mhux tas-soltu fil-ħin, jiġifieri qabel ma jiġri xi diżastru ta' dan it-tip, sabiex il-proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni tal-għajnuna mill-istat ma jikkawżawx dewmien fl-għoti tal-għajnuna f'każijiet gravi.

Wieħed għandu jinnota wkoll li din l-iskema hija waħda ta' prevenzjoni, li tkopri avveniment li jista' jseħħ fil-ġejjieni. Huma u jiġu stmati l-kontributi totali annwali pprovduti fil-qafas tal-iskema, tqieset l-esperjenza miksuba mill-għargħar tal-2002 (meta faru x-xmajjar Elbe u d-Danubju) u tal-2005 (meta faret ix-xmara Danubju u t-tributarji tagħha, b'mod partikulari fiż-żona tal-Alpi u tal-għoljiet ta' madwarhom fil-Bavarja) u l-esperjenza miksuba min-nixfa tal-2003.

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Stedina għat-tressiq tal-offerti rigward l-operat tas-servizzi tal-ajru skedati f'konformità ma' obbligi ta' servizz pubbliku**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 75/08)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | L-Italja |
| Rotot konċernati | Cuneo Levaldigi-Roma Fiumicino u bil-maqlub |
| Perjodu tal-validità tal-kuntratt | 24 xahar (mill-4 ta' Awwissu 2009 sat-3 ta' Awwissu 2011) |
| Skadenza għat-tressiq tal-offerti | 62 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż |
| Indirizz sħiħ minn fejn jistgħu jinkisbu t-test tal-istedina għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni rilevanti u/jew dokumentazzjoni marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligu ta' servizz pubbliku | E.N.A.C. (Ente Nazionale per l'Aviazione Civile)<br>Direzione centrale regolazione economica<br>Direzione trasporto aereo<br>Viale del Castro Pretorio 118<br>00185 Roma<br>ITALIA<br>www.enac-italia.it<br>E-mail: osp@enac.rupa.it |

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Stedina għat-tressiq tal-offerti rigward l-operat tas-servizzi tal-ajru skedati f'konformità ma' obbligi ta' servizz pubbliku**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 75/09)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | L-Italja |
| Rotot konċernati | Pantelleria-Trapani u bil-maqlub, Pantelleria-Palermo u bil-maqlub, Lampedusa-Palermo u bil-maqlub, Lampedusa-Catania u bil-maqlub |
| Perjodu tal-validità tal-kuntratt | 12-il xahar (mill-25 ta' Awwissu 2009 sal-24 ta' Awwissu 2010) |
| Skadenza għat-tressiq tal-offerti | Xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż |
| Indirizz sħiħ minn fejn jistgħu jinkisbu t-test tal-istedina għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni rilevanti u/jew dokumentazzjoni marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligu ta' servizz pubbliku | Ente Nazionale per l'Aviazione Civile (ENAC)<br>Direzione centrale regolazione economica<br>Direzione trasporto aereo<br>Viale del Castro Pretorio 118<br>00185 Roma<br>ITALIA<br>www.enac-italia.it<br>E-mail: trasporto.aereo@enac.rupa.it |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI

## Sejħa għall-proposti skont il-programm annwali ta' ħidma għal għajnuniet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TENT-T) għall-2009

**(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 2179)**

(2009/C 75/10)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea qed iniedi sejħa għall-proposti għal għotjiet lil proġetti skont il-prijoritajiet u l-miri definiti fil-programm annwali ta' ħidma għall-għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport għall-2009.

L-ammont massimu disponibbli skont din is-sejħa għall-proposti huwa **EUR 80 miljun**.

Din is-sejħa tagħlaq fl-**15 ta' Mejju 2009**.

It-test komplut ta' din is-Sejħa għall-proposti huwa disponibbli mis-sit:

http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/ten_t_ea/call_for_proposals_2009_en.htm

**Sejħa għall-proposti skont il-programm multiannwali tal-2009 għall-għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TENT-T) għall-perjodu 2007-2013**

**(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 2178**

(2009/C 75/11)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea qed iniedi sejħa għall-proposti, skont il-programm ta' ħidma multiannwali għan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-perjodu 2007-2013, biex isiru għotjiet lil:

— Qasam Nru 8:

  Proġett Prijoritarju TEN-T Nru 21 — **Awtostradi tal-baħar**. L-ammont massimu disponibbli għall-proposti magħżula, għall-2009, huwa EUR 30 miljun.

— Qasam Nru 9:

  proġetti fil-qasam tas-**Sistemi Intelliġenti għat-Traffiku fit-Toroq**. L-ammont massimu disponibbli għall-proposti magħżula, għall-2009, huwa EUR 100 miljun.

— Qasam Nru 10:

  proġetti fil-qasam tas-**Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS)**. L-ammont massimu disponibbli għall-proposti magħżula, għall-2009, huwa EUR 240 miljun.

Is-sejħa tagħlaq fil-**15 ta' Mejju 2009**.

It-test komplut ta' din is-Sejħa għall-proposti huwa disponibbli mis-sit:

http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/ten_t_ea/call_for_proposals_2009_en.htm

**Sejħa għall-proposti skont il-programm ta' ħidma għal għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TENT-T) kif previst fil-Programm Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku**

**(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 2183)**

(2009/C 75/12)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea qed iniedi sejħa għall-proposti biex isiru għotjiet lil proġetti skont il-prijoritajiet u l-miri definiti fil-programm ta' ħidma għall-għotjiet fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport kif previst fil-Programm Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku.

L-ammont massimu disponibbli skont din is-sejħa għall-proposti huwa **EUR 500 miljun**.

Is-sejħa tagħlaq fil-**15 ta' Mejju 2009**.

It-test sħiħ ta' din is-Sejħa għall-proposti huwa disponibbli mis-sit:

http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/ten_t_ea/call_for_proposals_2009_en.htm

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.5500 — General Motors/Delphi Steering Business)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 75/13)

1. Fit-23 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1])li permezz tagħha l-impriża General Motors ("GM", l-Istati Uniti) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1) (b) tar-Regolament tal-Kunsill, kontroll tan-negozju globali tal-isteering ("Delphi Steering Business") tad-Delphi Corporation (l-Istati Uniti) permezz tax-xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal GM: manifattura u bejgħ ta' vetturi tal-mutur,

— għal Delphi Steering Business: manifattura u bejgħ ta' prodotti tal-isteering u komponenti ta' nofs xaft għal vetturi awtomatiċi.

3. Wara eżaminazzjoni preliminari, il-Kummissjoni issib li t-tranżizzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Iżda, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hi riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-terzi parti nteressati biex iressqu l-osservazzjonijiet possibbli tagħhom fuq l-operazzjoni lill-Kummissjoni.

Osservazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5500 — General Motors/Delphi Steering Business, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u tal-ikel**

(2009/C 75/14)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni għandha tasal għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 510/2006**

**"RISO DEL DELTA DEL PO"**

**Nru tal-KE: IT-PGI-0005-0712-15.07.2008**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Riso del Delta del Po"

2. **L-Istat Membru jew il-pajjiż terz**

L-Italja

3. **Id-deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-ikel**

3.1. *It-tip tal-prodott [l-Anness II]*

Kategorija 1.6 Frott, ħaxix u ċereali friski u pproċessati — Ross

3.2. *Id-deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem ta' (1)*

L-indikazzjoni "Riso del Delta del Po" tindika eskussivament il-prodotti tar-ross li jagħmlu parti mit-tip "Japonica", li jkun ġej mill-varjetà Carnaroli, Volano, Baldo u Arborio.

Ir-Riso del Delta del Po jippreżenta rossa kbira, kristallina, kumpatta, b'kontenut għoli ta' proteini u jista' jkun abjad jew tal-qamħa sħiħa.

Il-kapaċità kbira tal-assorbiment, il-ftit li xejn telf ta' lamtu u r-reżistenza waqt it-tisjir, flimkien mal-karatteristiċi organolettiċi ta' togħma u benna partikolari, jagħmlu dan ir-ross wieħed mill-ippreferiti sabiex jagħmi l-ifjen risotti.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Biex jinħarġu għall-konsum, il-varjetajiet kollha tar-"Riso del Delta del Po" għandhom ikollhom kontenut ta' proteini ogħla minn 6,60 % tass-sustanza niexfa, filwaqt li r-ross imsajjar irid ikun ta' grad ogħla f'kemm ikun iwaħħal (f'g/ċm) mill-valur li jvarja skont il-varjetatjiet diversi: Baldo > 4.5; Carnaroli > 1,5; Volano > 3,0; Arborio > 3,5.

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti proċessati biss)*

Mhux applikabbli.

3.4. *L-għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

Mhux applikabbli.

3.5. *Il-fażijiet speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika identifikata*

Fejn jidħlu l-kundizzjonijiet partikolari li jikkaratterizzaw il-kultivazzjoni tar-ross, il-fażi tal-produzzjoni trid isseħħ fiz-zona ġeografika indikata f'punt 4.

Il-varjetà Carnaroli, li għandha bżonn raba' prevalentament taflija, tista' tiġi kkultivata biss f'art b'pH ogħla minn 7,5.

Iż-żrigħ jista' jsir fl-ilma billi titwaqqa' ż-żerriegħa b'mod ħieles jew fin-niexef fir-raba' maħdum li però jrid imbagħad jitgħatta mill-ewwel kollu bl-ilma.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Il-proċess tat-tnixxif irid isir f'magni li jnixxfu mingħajr ma jħallu fdalijiet ta' kombustjoni jew irwejjaħ mhux normali fuq il-ħlief tal-qamħ. Jistgħu jintużaw magni li jnixxfu li jaħdmu b'nar indirett jew dirett iżda dan jista' jsir biss jekk ikunu jaħdmu bil-gass metanu jew LPG.

L-umdità tar-ross li għadu bil-ħliefa u li jkun imnixxef ma jridx ikun ogħla minn 14 %.

It-trasformazzjoni industrijali trid isseħħ fi stabbilimenti u bi proċeduri li jiggarantixxu li r-Riso del Delta del Po jżomm il-karatteristiċi kif indikati f'punt 3.2.

Ir-ross jiġi ppakkjat f'kaxex jew boroż adattati għall-użu alimentari ta' 0,5 % kg, 1 kg, 2 kg, 5 kg u jista' jkun ukoll ippakkjat fil-vakwu jew f'atmosfera kontrollata.

Il-konteorituri jridu jkunu ssiġillati b'mod li ma jħallix li l-kontenut ikun jista' jinħareġ mingħajr ma ssir ħsara viżibbli lill-ippakkjar.

3.7. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Huwa obbligatorju li fuq il-konteorituri jitwaħħal il-logo tad-denominazzjoni li jkollu daqs minimu ta' 40 x 30 mm u b'karattri ta' daqs adekwat (għoli minimu 5 mm) il-kliem "Riso del Delta del Po" segwit minn "Indicazione Geografica Protetta" jew jintuża l-akronimu "I.G.P".

Fil-pakkett trid tkun indikata l-varjetà ("Arborio", "Carnaroli", "Volano", "Baldo").

Fuq l-istess pakkett irid ikun jidher ukoll l-isem jew l-isem u l-indirizz tan-negozju tal-imballatur.

Indikazzjonijiet differenti mill-kliem Riso del delta del Po — Indicazione Geografica Protetta, irid ikollhom qisien ta' mhux iktar minn terz ta' dawk li ġew użati għal "Riso del Delta del Po".

Il-logo uffiċjali tal-prodott "Riso del Delta del Po" hu magħmul minn faxxa ellittika ta' kulur abjad, b'bordura ta' kulur aħdar. Fuq ġewwa ta' din l-istess faxxa fin-nofs tan-naħa ta' fuq hemm miktub "RISO DEL DELTA DEL PO", u fuq in-naħa t'isfel "INDICAZIONE GEOGRAFICA PROTETTA", it-tnejn li huma b'ittri kbar ta' kulur aħdar.

Fuq ġewwa ta' din l-istess faxxa, fuq sfond aħdar, fuq il-lemin u x-xellug insibu stampi tipiċi tad-Delta tal-Po (qasab tal-għadajjar u għasafar stilizzati) ta' kulur abjad karti u fin-nofs insibu mara stilizzata b'faxx ross ta' kulur isfar.

## 4. Definizzjoni Konċiża taż-żona ġeografika

Iż-żona tipika għat-tkabbir tar-"Riso del Delta del Po" testendi fil-kon orjentali estrem tal-pjanura tal-Po fit-Tramuntana bejn ir-reġjuni tal-Veneto u l-Emilia Romagna fit-territorji ffurmati mill-irdim u dak li jkaxkar miegħu il-Po. Iż-żona hija definita mill-Baħar Adrijatiku fil-Lvant, mix-xmara Adige fit-Tramuntana u mill-Kanal navigabbli Ferrara/Porto Garibaldi fin-Nofsinhar.

Ir-Riso del Delta del Po jiġi kkultivat fil-Veneto fil-provinċja ta' Rovigo, fil-muniċipalitajiet ta' Ariano fil-Polesine, f'Porto Viro, f'Taglio di Po, f'Porto Tolle, f'Corbola, f'Papozze, f'Rosolina u f'Loreo.

Fl-Emilia Romagna, fil-provinċja ta' Ferrara, il-produzzjoni għandha x'taqsam mal-muniċipalitajiet ta' Comacchio u Goro. Codigoro, Lagosanto, Massa Fiscaglia, Migliaro, Migliarino, Ostellato, Mesola, Jolanda di Savoia u Berra.

## 5. Ir-rabta maż-żona ġeografika

### 5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika*

Fatturi Ambjentali

Il-karatteristiċi ta' dawn l-artijiet, il-klima moderata u l-qrubija tal-baħar, huma l-fatturi prinċipali li jikkundizzjonaw u jikkaratterizzaw il-produzjoni f'dan it-territorju tar-Riso del Delta del Po Fil-fatt, f'din iz-zona r-ross isib il-ħamrija ideali u huwa l-uniku kultivazzjoni possibli f'raba' li hu nofsu mgħarraq fl-ilma b'mod permanenti.

Ir-raba' mgħarraq tad-Delta tal-Po li ġej mis-sedimenti terminali mill-mixja tax-xmara, huwa partikolarment fertili u mimli minerali, speċjalment bil-potassju, tant li ma hemmx għalfejn li jintefgħu fertilizzanti tal-potassju.

Barra minn hekk l-art, għalkemm b'nisġiet differenti, huwa kkaratterizzat minn imluħa għolja (E.C. iktar minn 1 mS/ċm), minħabba li pjan huwa għoli ħafna.

Il-pożizzjoni partikolari ġeografika, qrib il-baħar, tiddetermina wkoll mikro-ambjent partikolarment favorevoli għar-ross minħabba l-preżenza ta' żiffiet kontinwi u konsegwenza ta' hekk, ta' umdita' relattivament baxxa; b'varjazzjonijiet kontenuti fit-temperatura kemm fix-xitwa fejn rarament niżlet taħt iz-0 °C, kif ukoll fis-sajf fejn fl-aħħar tletin sena, qatt ma telgħet iktar minn 32 °C; B'ammont ta' xita li ġeneralment tkun mifruxa sew matul ix-xhur tas-sena u li ma tilħaqx is-700 mm fis-sena. Dawn il-kundizzjonijiet partikolari ta' klima inaqqsu l-proliferazzjoni tal-faqqiegħ patoġenu u għalhekk ma hemmx bżonn ta' trattamenti fungiċidi.

Fatturi storiċi u umani

Ftit għexieren ta' snin wara li r-ross beda jinxtered fil-pjanura tal-Po fit-Tramuntana (1450), bdew jidhru l-ewwel dokumentazzjonijiet fuq il-preżenza ta' dawn il-kultivazzjonijiet f'Polesine, partikolarment fit-territorju tad-Delta tal-Po: fil-fatt din il-kultivazzjoni kienet strettament marbuta mal-ixxuttar tal-art, fis-sens li b'hekk dan ir-raba' mielaħ seta' jerġa' jintuża iktar malajr biex imbagħad issir in-newba, kif insibu miktub f'liġi tar-Repubblica Veneta fl-1594. Lejn l-aħħar tas-seklu 18, bis-saħħa talħidma ta' xi aristokratiċi Venezjani, bdiet il-kultivjazzoni sistematika tar-ross fuq territorji li kienu għaddew mill-proċess tal-ixxuttar tal-artijiet mistgħadra.

Illum il-ġurnata, ir-Riso del delta del Po huwa mifrux fuq, bejn wieħed u ieħor, 9 000 ettaru ta' għelieqi tar-ross. L-influwenza ta' din il-kultivazzjoni insibuha fil-kultura lokali u fl-iżvilupp soċjali taz-zona; għal numru ta' snin ir-ross ilu jiġi ppakkettat u mibjugħ minn bosta imprizi b l-isem ta' "Riso del Delta del Po" u bis-saħħa tal-karatteristiċi organolettiċi partikulari tiegħu li jiddistingwu dan ir-ross minn prodotti oħra ta' ross mill-Italja, huwa magħruf u apprezzat mill-konsumaturi ta' l-Italja kollha. Ir-reputazzjoni tiegħu hija fl-aħħarnett ukoll marbuta mal-fieri u l-festi tradizzjonali li jsiru kull sena fuq dan it-territorju, bħal famużi Ġranet tar-riso del Delta del Po li jsiru f'Jolanda ta' Savoia (FE) u il-Fiera ta' Porto Tolle.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott*

Ir-Riso del Delta del Po huwa partikolari minħabba l-konentut għoli ta' proteini, il-kobor tar-rossa, il-kapaċità kbira ta' assorbiment, it-telf żgħir ta' lamtu u l-kwalità għolja tiegħu li toffri reżistenza tajba waqt it-tisjir.

Apparti minn hekk, huwa joffri wkoll togħma u benna partikolari li permezz tagħhom wieħed jista' jiddistingwih minn ross li hu mkabbar f'zoni mhux salmastri.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għal DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għal IĠP)*

Il-fdalijiet ta' melħ li jinsabu f'dan ir-raba' xxuttat mill-istgħadir, flimkien mal-partikolaritajiet tal-ilmijiet li jintużaw għall-kultivazzjoni u l-preżenza ta' pjan superfiċjalment mielaħ, jagħtu lill-prodott karatteristiċi organolettici u merkantili b'mod li jagħmluh uniku u apprezzat ħafna fis-suq.

Il-fertilità minerali għolja tar-raba' mgħarraq, partikolarment fil-potassju, jagħtu lir-ross kontenut għoli ta' proteini u reżistenza ikbar lir-rossa għat-tisjir.

Barra minn hekk l-art, għalkemm b'nisġa li tvarja, hija kkaratterizzata minn salinità għolja (E.C. iktar minn 1 mS/ċm), li jagħtu lir-ross togħma u benna partikolari.

Il-preżenza ta' żiffa kontinwa li ġejja mill-baħar u li magħha ġġib nuqqas drastiku fl-umdita' tal-mikroklima tal-għelieqi tar-ross, tnaqqas b'mod sostanzjali l-bżonn ta' trattamenti fungiċidi u toffri l-possibbiltà ta' ross ta' kwalità għolja.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

Il-Gvern nieda l-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni bil-pubblikazzjoni tal-proposta għar-rikonoxximent tal-IĠP "Riso del Delta del Po" fil-Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana.

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab disponibbli fuq is-sit tal-internet fuq dan il-link:

www.politicheagricole.it/DocumentiPubblicazioni/Search_Documenti_Elenco.htm?txtTipoDocumento=Disciplinare%20in%20esame%20UE&txtDocArgomento=Prodotti%20di%20Qualit%E0>Prodotti%20Dop,%20Igp%20e%20Stg

jew

— billi tidħol direttament fuq il-paġna prinċipali tas-sit tal-Ministeru (www.politicheagricoe.it) u wara tagħfas fuq "Prodotti di Qualità" (fuq in-naħa tal-lemin ta' l-iskrin) u fl-aħħar fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE (Reg CE 510/2006)".

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2009/C 75/15)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SINTEŻI

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"SOBAO PASIEGO"**

**Nru tal-KE: ES-PGI-005-0478-28.06.2005**

**DPO ( ) IĠP ( X )**

Din is-sinteżi taghti l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal għanijiet informattivi biss.

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Subdirección General de Calidad Diferenciada y Agricultura Ecológica, Dirección General de Industria y Mercados Alimentarios, Ministerio de Medio Ambiente y Medio Rural y Marino — España |
| Indirizz: | Paseo de la Infanta Isabel, nº 1<br>28071 — Madrid<br>ESPAÑA |
| Tel. | +34 913475394 |
| Feks | +34 913475410 |
| Posta elettronika: | — |

2. **Grupp:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Asociación de Fabricantes de Sobaos Pasiegos y Quesadas de Cantabria |
| Indirizz: | C/ Augusto González de Linares, 8 — bajo<br>39006- Santander<br>ESPAÑA |
| Tel. | +34 942290572 |
| Feks | +34 942290573 |
| Posta elettronika: | afasque@viaflavia.com |
| Kompożizzjoni: | Produtturi/proċessuri ( X ) Oħrajn ( ) |

Produtturi ta' *sobaos* u *quesadas*.

3. **Tip ta' prodott:**

Klassi 2.4: Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħelu jew gallettini.

4. **Speċifikazzjoni tal-prodott:**
(Sinteżi tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *Isem il-prodott*

"Sobao Pasiego"

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

4.2. *Deskrizzjoni*

Is-"Sobao Pasiego" isir minn għaġina ta' dqiq tal-qamħ, butir, zokkor, bajd u għadd ta' ingredjenti u addittivi minuri. Ghandu l-karatteristiċi li ġejjin:

Karatteristiċi tekniċi:

(a) Organolettiċi: frak lewn isfar karg, b'wiċċ lewn mixwi, konsistenza sfiqa bħal ta' sponża, togħma ħelwa, b'riħa spikkata ta' butir.

(b) Morfoloġiċi: Il-piż tas-*sobao* ivarja skont id-daqs:

— kbir, b'piż ta' bejn 130 u 180 g; medju, ta' bejn 40 u 80 g; u żgħir, ta' bejn 20 u 40 g.

(c) Preżentazzjoni: Is-"Sobao Pasiego" jiġi ppreżentat f'qoxra tal-karta rettangolari, bix-xfar mitwija 'l fuq f'forma ta' gwinħajn.

Karatteristiċi fiżiċi u kimiċi:

Il-valuri korrispondenti għandhom ikunu fl-intervalli li ġejjin:

Umdità (15 % -20 %), proteini (4 % jew aktar), kontenut tax-xaħam bl-idroliżi tal-aċidu (24 % -32 %), glukożju (45 % jew aktar), irmied (sa 1,70 %), attività tal-ilma (0,7 % - 0,9 %).

Karatteristiċi mikrobijoloġiċi: Il-prodott għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni teknika tas-saħħa.

4.3. *Żona ġeografika*

Iż-żona ġeografika tkopri l-muniċipalitajiet li ġejjin tar-reġjun ta' Cantabria: Anievas, Arenas de Iguña, Astillero (El), Bárcena de Pie de Concha, Camargo, Cartes, Castañeda, Cieza, Corrales de Buelna (Los), Corvera de Toranzo, Entrambasaguas, Liérganes, Luena, Marina de Cudeyo, Medio Cudeyo, Miengo, Miera, Molledo, Penagos, Piélagos, Polanco, Puente Viesgo, Reocín, Ribamontán al Mar, Ribamontán al Monte, Riotuerto, San Felices de Buelna, San Pedro del Romeral, San Roque de Riomiera, Santa Cruz de Bezana, Santa María de Cayón, Santander, Santillana del Mar, Santiurde de Toranzo, Saro, Selaya, Suances, Torrelavega, Vega de Pas, Villacarriedo, Villaescusa, Villafufre.

4.4. *Prova tal-oriġini*

Il-fatturi li jixhdu li s-*sobaos* ikunu ġew prodotti fiż-żona ġeografika delimitata huma dawn li ġejjin:

— Il-karatteristiċi tas-*sobao*: Is-"Sobao Pasiego" għandu karatteristiċi speċifiċi, kif imfissrin fit-taqsimiet 4.2 u 4.5, bis-saħħa tal-kundizzjonijiet partikulari tal-produzzjoni tiegħu.

— It-traċċabbiltà tas-*sobao*, u b'hekk l-oriġini tiegħu, jiġu garantiti permezz ta' kontrolli.

Aspetti li għandhom jitqiesu:

— Is-*sobaos* għandhom jiġu prodotti u ppakkjati esklussivament fl-impriżi mniżżlin fir-Reġistru tal-Furnara (*Registro de Obradores*) tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

— Il-furnara għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni inizjali qabel ma jiġu rreġistrati, u wara dan għandhom isiru spezzjonijiet regolari sabiex jibqgħu mniżżla fir-reġistru.

— Is-*sobaos* għandhom isiru skont il-metodu deskritt fit-taqsima 4.5.

— Is-*sobaos* jistgħu jitqiegħdu fis-suq bil-garanzija tal-oriġini biss jekk ikunu għaddew mill-kontrolli kollha, b'tikketta jew kontrattikketta nnumerata.

— L-Organu ta' Spezzjoni għandu jwettaq kontrolli u evalwazzjonijiet regolari tal-proċess ta' produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

— Jekk jinstab xi nuqqas ta' konformità, għandhom japplikaw is-sanzjonijiet ipprovduti fir-regolamentazzjoni korrispondenti.

— L-ittestjar tal-prodott għandu jinvolvi l-analiżi fiżika u kimika, organolettika u mikrobijoloġika.

Ladarba jkunu saru l-kontrolli u l-evalwazzjonijiet kollha rilevanti, l-Organu ta' Spezzjoni indikata fit-taqsima 4.7 jawtorizza l-użu tat-tikketti jew tal-kontratikketti nnumerati, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodott.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni*

1. Is-*Sobao Pasiego* jsir mill-ingredjenti li ġejjin: butir (26 % ± 3), zokkor (26 % ± 4) (sukkrożju), bajd frisk (19 % ± 6), dqiq tal-qamħ (26 % ± 4). Ingredjenti minuri: destrożju, glukożju u melħ (0,3 % ± 0,3); jistgħu jiżdiedu wkoll qoxra maħkuka tal-lumi, maskta u rumm.

2. Addittivi. Huwa permess l-użu tal-addittivi li ġejjin:

   Aġent levitanti: (1,5 % ± 1,5); priżervattiv: sorbat tal-potassju, f'dożi massima ta' 1,5 g għal kull kg ta' għaġina; aroma tal-butir u aġent umidifikanti.

Il-produzzjoni tas-*sobaos* issegwi l-passi li ġejjin:

1. tlestija tat-taħlita,
2. tqegħid f'lottijiet,
3. ħami,
4. tberrid,
5. ippakkjar: il-prodott jinġabar mingħand il-furnara u jinġarr f'imballaġġ xieraq u bit-tikketti xierqa,
6. żamma: il-prodott m'għandux jinżamm fil-friża.

4.6. *Rabta*

Rabtiet storiċi

Skont diversi awturi (García Lomas u Vega Ruiz), is-*sobao* kien kejk li kien isir fil-qedem, minn għaġina tal-ħobż (biex jintużaw il-fdalijiet), zokkor u butir. Is-*sobao* antik ittejjeb biż-żieda ta' bajd, qoxra maħkuka tal-lumi, u maskta jew rum.

Il-bidla l-kbira fil-metodu ta' produzzjoni tas-*sobao* waslet meta l-għaġina tal-ħobż ħadilha postha d-dqiq tal-qamħ ta' kwalità għolja, flimkien ma' bidliet fil-kwantitajiet tal-ingredjenti użati. Fil-ktieb tiegħi *Los Pasiegos* (1986), García Lomas jattribwixxi l-invenzjoni ta' dan is-*sobao* modern lill-koka Eusebia Hernández Martín, abbażi ta' ittra miktuba minn binha li tinkludi t-tagħrif li ġej: "M'hemmx xi ngħidu, jiena kont naf illi ommi, Alla jagħtiha l-mistrieħ ta' dejjem, kienet ivvintat is-*sobao* tal-lum, jiġifieri dak magħmul mid-dqiq flok mill-għaġina tal-ħobż. Kien fis-sena 1896, l-istess sena li fiha żżewġet lil missieri Joaquín Laso; dik il-ħabta kellha 19-il sena u mietet f'Vega ta' 25, jiġifieri fl-1902, u ħalliet warajha tliet subien u tifla. Jien il-kbir, imwieled fl-1897."

Fl-aħħar, jaqbel li nindikaw li fi studju tal-1946 dwar il-kliem użat fil-widien l-għoljin tal-provinċja ta' Santander iżda mhux miġbur fid-*Diccionario de la Lengua Española*, J. Calderón Escalada jinkludi t-terminu *Sobau*, u jfissru kif ġej: "Kejk magħmul mid-dqiq, bajd, zokkor u butir, moħmi fil-forn ġo karta mitwija b'mod speċjali, li l-għarusa tagħti lill-ħbiebha nisa bħala rigal f'jum it-tieġ".

Reputazzjoni attwali: Il-*Gran Enciclopedia de Cantabria* ssemmi s-*sobao* bħala prodott "li jmur lura tal-anqas seklu, u li jgawdi minn popolarità liema bħala".

L-*Inventario Español de Productos Tradicionales*, editjat mill-Ministeru Spanjol tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel, isemmi s-"Sobao Pasiego" bħala "Wieħed mill-aktar prodotti rappreżentattivi tal-Cantabria, bl-oriġini tiegħu f'Vega de Pas, magħruf sew ma' Spanja kollha".

Rabtiet umani

Bis-saħħa tal-ħiliet u tal-professjonalità tagħhom, l-artiġjani għarfu jżommu tul is-snin il-karattru distintiv tas-"Sobao Pasiego" mat-territorju kollu.

Is-*sobao* huwa simbolu taż-żwieġ bejn il-qamħ u l-butir, il-bajd u z-zokkor, biex flimkien jipproduċu ħelu li jirrifletti l-aspetti kollha tal-kultura tar-reġjun, speċjalment fir-rigward tat-togħma partikulari tal-butir.

Rabta bejn iż-żona ġeografika u l-karatteristiċi u r-reputazzjoni tal-prodott

Ir-rabta bejn is-"Sobao Pasiego" u ż-żona ġeografika tal-produzzjoni tissejjes speċjalment fuq ir-reputazzjoni u l-karatteristiċi deskritti fit-taqsima 4.2, li min-naħa tagħhom jitnisslu mill-metodu ta' produzzjoni tradizzjonali.

Is-"Sobao Pasiego" huwa prodott tipiku tar-reġjun ta' Pasiego, kif jixhdu r-referenzi kollha msemmija aktar 'il fuq. Huma l-aspetti umani li kkontribwew l-aktar matul is-snin biex il-prodott kiseb il-popularità tiegħu, reputazzjoni li ilha tikber u tintiret minn ġidd għal ġidd, u għarfien prattiku li jifforma parti mill-wirt tar-reġjun ta' Pasiego, tant li l-prodott iġib ismu u jintgħaraf bih.

Il-popularità u r-reputazzjoni tas-"Sobao Pasiego" wasslu biex prodott li għal għexieren ta' snin kien isir skont drawwa tad-dar, fi ġranet speċifiċi tas-sena bħala ċelebrazzjoni ta' ċerti okkażjonijiet (tiġien, festi, swieq, eċċ.), maż-żmien inbidel f'waħda mis-sisien tal-ekonomija lokali, li tipproduċi aktar minn 90 % tas-*sobaos* fir-reġjun kollu.

It-twessigħ tal-produzzjoni, u permezz tiegħu ż-żieda qawwija fir-rikonoxximent tas-"Sobao Pasiego", saru mit-tieni nofs tas-seklu li għadda 'l quddiem, mindu l-produtturi bdew ifittxu lil hinn miż-żona immedjata ta' madwar Vega de Pas lejn kanali tal-komunikazzjoni aktar żviluppati, bil-għan li titjieb il-kummerċjalizzazzjoni, filwaqt li mxew aktar lejn ċentri kbar ta' populazzjoni sabiex ibigħu aktar il-prodott u jittrasportawh sa nħawi oħra tar-reġjun.

Barra minn hekk, ir-reġjun ta' Pasiego huwa tradizzjonalment magħruf għall-prodotti mill-ħalib tiegħu (ġobnijiet, ġelati, butir eċċ.), bis-saħħa tal-kundizzjonijiet agrikoli u klimatiċi favorevoli ħafna għall-produzzjoni tal-ħalib. Il-butir huwa sewwasew wieħed mill-ingredjenti fundamentali tas-"Sobao Pasiego", u dak li jikkontribwixxi l-aktar għall-karattru speċifiku tiegħu li jiddistingwih minn prodotti tal-ħelu simili, magħmula minn xaħmijiet oħra bħall-marġerin. Dan juri kontribut ieħor taż-żona ġeografika lejn ir-reputazzjoni u l-karattru speċifiku tas-"Sobao Pasiego".

Ir-reputazzjoni wiesgħa u mill-aktar pożittiva tas-"Sobao Pasiego" ntweriet fi studju reċenti bejn il-konsumaturi ta' diversi żoni ta' Spanja. Dan l-istudju jikkonkludi li disa' minn kull għaxar persuni intervistati jafu bil-prodott, li minnhom 73 % ħassew li għandu reputazzjoni tajba. Barra minn hekk, instab ukoll livell għoli ta' nies li kienu konxji tal-oriġini tal-prodott, b'80 % jindikaw il-Cantabria, u minkejja ċ-ċkunija tiegħu, 35 % semmew ir-reġjun ta' Pasiego nnifsu.

4.7. *Organu ta' spezzjoni*

| | |
|---|---|
| Isem: | Oficina de Calidad Alimentaria de Cantabria (ODECA) |
| Indirizz: | C/Héroes del 2 de Mayo, 27<br>39600 Muriedas (Cantabria)<br>ESPAÑA |
| Tel. | +34 942 26 98 55 |
| Feks | +34 942 26 98 56 |
| Posta elettronika: | odeca@odeca.es |

Natura u karatteristiċi:

4.8. *Tikkettar*

Minbarra l-indikazzjonijiet obbligatorji stipulati fir-regolamentazzjoni ġenerali, għandhom jidhru l-indikazzjonijiet li ġejjin:

— Isem l-Indikazzjoni Ġeografika: "Sobao Pasiego".

— It-tismija "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" jew "IĠP".

Dawn l-indikazzjonijiet għandhom jidhru b'mod li jinqraw kollha mad-daqqa t'għajn, għandhom ikunu leġibbli u ma jithassrux, u għandhom jidhru ikbar mill-bqija tal-indikazzjonijiet li jidhru fuq it-tikketta.

Fuq l-istess tikketta jew kontratikketta, għandhom jidhru wkoll, bl-awtorizzazzjoni tal-Organu ta' Spezzjoni u b'mod li ma jaħbux it-tikketta rikjesta mir-regolamentazzjoni ġenerali:

— Il-logo li jidentifika l-Indikazzjoni Ġeografika.

— In-numru ta' kontroll maħruġ mill-Organu ta' Spezzjoni.

— In-numru tal-Organu ta' Spezzjoni.

## RETTIFIKAZZJONIJIET

**Rettifika għas-Sejħa biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għajnuna mill-Istat rigward it-tassazzjoni ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* (kumpaniji tal-assigurazzjoni li jkopru r-riskju tal-kumpanija jew grupp ta' kumpaniji li jikkontrollahom) fil-Liechtenstein**

*(Dan it-test ihassar u ġie minflok dak ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 72 tas-26 ta' Marzu 2009, p. 50)*

(2009/C 75/16)

**"Sejħa biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għajnuna mill-istat rigward it-tassazzjoni ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* (kumpaniji tal-assigurazzjoni li jkopru r-riskju tal-kumpanija jew grupp ta' kumpaniji li jikkontrollahom) fil-Liechtenstein**

Permezz tad-Deċiżjoni Nru 620/08/COL tal-24 ta' Settembru 2008, riprodotta fil-lingwa awtentika fil-paġni ta' wara dan is-sommarju, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA bdiet proċedimenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja (minn issa 'l quddiem Protokoll 3). L-awtoritajiet tal-Liechtenstein ġew infurmati permezz ta' kopja tad-deċiżjoni.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA b'dan tavża lill-Istati tal-EFTA, lill-Istati Membri tal-UE u lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri in kwistjoni fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika lil:

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA
Ir-Reġistru
Rue Belliard 35
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Il-kummenti se jkunu kkomunikati lill-awtoritajiet tal-Liechtenstein. Il-parti interessata li tissottometti l-kummenti tista' titlob bil-miktub biex l-identità tagħha tinżamm kunfidenzjali, u tagħti r-raġunijiet għat-talba.

SOMMARJU

Il-każ inbeda mill-Awtorità li talbet informazzjoni mill-awtoritajiet tal-Liechtenstein fl-14 ta' Marzu 2007.

Bis-saħħa tal-Att tat-18 ta' Diċembru 1997 rigward l-emenda tal-Att dwar it-Taxxa ([1]), l-awtoritajiet tal-Liechtenstein introduċew regoli speċjali tat-taxxa applikabbli għal kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive*.

Skont l-Artikolu 82a) paragrafu 1 tal-Att dwar it-Taxxa, kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* iħallsu taxxa kapitali ta' 1‰ fuq il-kapital tal-kumpanija stess. Għal kapital 'il fuq minn 50 miljun, ir-rata tat-taxxa tonqos għal 0,75 ‰ u għal kapital li jeċċedi l-100 miljun, għal 0,5 ‰. Ir-rata normali tat-taxxa kapitali hija ta' 2 ‰.

L-Artikoli 82(a) moqri flimkien mal-Artikolu 73 tal-Att, jimplika li kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* ma jħallsu ebda taxxa fuq id-dħul.

Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 88(d)(3) tal-Att dwar it-Taxxa, ishma jew partijiet mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* huma eżentati milli jħallsu t-taxxa ċedulari, li normalment titħallas bir-rata ta' 4 %.

Skont l-opinjoni preliminari tal-Awtorità, kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* huma intrapriżi skont it-tifsira fl-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE. Dawn jipprovdu servizzi lil kumpanija waħda jew grupp speċifikament definit ta' kumpaniji. Il-provvediemnt ta' assigurazzjoni huwa servizz li fil-prinċipju, huwa attività ekonomika. Kumpanija tal-assigurazzjoni *captive* normalment titħallas għas-servizzi li tipprovdi. Li s-servizz jingħata lil klijent wieħed jew grupp limitat ta' klijenti ma jipprekludihiex milli tkun attività ekonomika.

([1]) L-Att tat-18 ta' Diċembru 1997 rigward l-emenda tal-Att dwar it-Taxxa tal-Liechtenstein, Gażżetta tal-Liġi 1998 Nru 36.

L-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul u t-taxxa mnaqqsa fuq il kapital jissodisfaw ukoll, fl-opinjoni preliminari tal-Awtorità, il-kundizzjonijiet l-oħra li jikklassifikaw bħala għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61 (1) tal-Ftehim tal-ŻEE.

Ezenzjoni parzjali jew sħiħa mit-taxxa timplika ħela ta' risorsi pubbliċi. Il-kumpaniji jingħataw vantaġġi billi jinħelsu minn spejjeż li normalment jittieħdu mill-baġits tagħhom. Il-kumpaniji eliġibbli jfornu servizzi li huma skambjati bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE u għalhekk huma miftuħa għal kompetizzjoni transkonfinali. Il-miżuri huma selettivi minħabba li huma applikabbli biss għal grupp determinat ta' impriżi. L-Awtorità ma tqisx li din is-selettività hija konsegwenza ta' loġika inerenti fis-sistema tat-taxxa.

L-istess jista' jingħad għat-taxxa ċedulari. Teżisti, iżda, differenza li toħroġ mill-fatt li t-taxxa cedulari hija taxxa minn ras il-għajn. L-eżenzjoni mit-taxxa cedulari għalhekk tagħti vantaġġi lis-sidien ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive*. Dawn is-sidien huma ħafna drabi imrpiżi (kbar). Għalhekk huma dawn it-tip ta' impriżi li jsiru l-benfiċjarji tal-miżura ta' għajnuna. Barra minn hekk, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* jistgħu jibbenefikaw indirettamment mill-eżenzjoni tat-taxxa ċedulari. Isiru iżjed attraenti għall-investituri u l-miżura trendi l-kapital iktar faċilment aċċessibbli.

